

# RAPPORT ANNWALI 2020

Single Resolution Board

srb.europa.eu

Krediti għar-ritratti:
Qoxra: iStockphoto/SergiyMolchenko
Paġna 9: iStockphoto/PaulGrecaud
Paġna 17: IStockphoyo/fizkes
Paġna 28: IStockphoto/Roman Valiev
Paġna 31: iStockphoto/Nikolay Pandev
Paġna 33: iStockphoto/AdrianHancu
Paġna 37: iStockphoto/Ilmar Idiyatullin
Paġna 44: iStockphoto/holwichaikawee
Paġna 47: iStockphoto/ipopba
Paġna 48: iStockphoto/Sezeryadigar
Paġna 51: iStockphoto/ipopba
Paġna 53: iStockphoto/oatawa

PDF ISBN 978-92-9475-272-7 ISSN 2467-3358 doi:10.2877/535338 FP-AA-21-001-MT-N

Aktar informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet (http://europa.eu).
Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021

© Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, 2021

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata diment li jiġi rrikonoxxut is-sors.

# RAPPORT ANNWALI 2020

Single Resolution Board

srb.europa.eu

# Werrej
# Rapport Annwali 2020


Daħla 4
Taqsiriet 6
Sommarju eżekuttiv 7
Qafas istituzzjonali 8

1. **Tisħiħ tar-riżolvibbiltà tal-banek tal-SRB u ta' istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti** **10**

1.1. Iċ-ċiklu ta' ppjanar tar-riżoluzzjoni u l-pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-2020 għall-banek tal-SRB 12
1.2. Il-pandemija tal-COVID-19 17
1.3. Is-sorveljanza tal-SRB għall-ippjanar tar-riżoluzzjoni u d-deċiżjonijiet għal istituzzjonijiet inqas sinifikanti 18
1.4. Spezzjonijiet fuq il-post 20

2. **Qafas ta' riżoluzzjoni** **21**

2.1. Għodod u politiki 23
2.2. Valutazzjoni tar-riżolvibbiltà 26
2.3. *Data* għall-ippjanar tar-riżoluzzjoni 27
2.4. Interazzjonijiet mal-banek 28
2.5. Analiżi tal-istabbiltà finanzjarja 29
2.6. Kooperazzjoni ma' awtoritajiet nazzjonali, istituzzjonijiet Ewropej, awtoritajiet mhux tal-UE u pajjiżi terzi 30
2.7. Relazzjonijiet internazzjonali 33
2.8. Attività regolatorja/proċess leġiżlattiv tal-fajls rilevanti 34
2.9. Brexit 34
2.10. Negozjati għal adeżjoni potenzjali mal-Unjoni Bankarja 35

3. **Maniġġjar ta' kriżijiet** **36**

3.1. Deċiżjoni ta' riżoluzzjoni u deċiżjonijiet negattivi 37
3.2. Proġetti sabiex tissaħħaħ it-tħejjija għall-kriżijiet 37

4. **Il-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni** **39**

4.1. Kontribuzzjonijiet 40
4.2. Investimenti 42
4.3. Finanzjament 43
4.4. Garanzija ta' kontinġenza komuni għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni 44

5. **L-SRB bħala organizzazzjoni** **45**

5.1. Teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni 46
5.2. Komunikazzjoni 48
5.3. Ġestjoni tar-riżorsi 48
5.4. Governanza 53

6. **Bord tal-Appell** **59**

7. **Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni** **61**

8. **Annessi** **63**

Anness 1: Organigramma 64
Anness 2: Rapport annwali dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti fl-2020 65
Anness 3: Implimentazzjoni tal-Baġit tal-2020 66
Anness 4: Pjan ta' stabbiliment 2020 72
Anness 5: Għadd ta' persunal skont in-nazzjonalità u l-ġeneru 73
Anness 6: Kontijiet finali tal-2020 74
Anness 7: Proċeduri ta' akkwist imnedija fl-2020 75
Anness 8: Sommarju tal-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni mill-programm ta' ħidma tal-SRB għall-2020 78
Anness 9: Membri tas-Sessjoni Plenarja 82
Anness 10: Glossarju 84



# Daħla



**Is-sena 2020 rat lill-SRB ilesti l-ħames sena ta' operazzjonijiet tiegħu – u jista' jingħad li ma kinitx sena bħall-oħrajn. L-istess bħall-organizzazzjonijiet madwar id-dinja kollha, l-SRB qaleb biex iwettaq il-ħidma tiegħu prinċipalment mill-bogħod minħabba l-pandemija tal-Covid-19. Bis-saħħa tal-isforzi tal-persunal tal-SRB u tas-sistemi tekniċi, dan ħadem b'mod sinifikanti mingħajr xkiel.**

L-ippjanar tar-riżoluzzjoni tal-2020 kien għall-ewwel darba bbażat fuq ċiklu uniformi ta' 12-il xahar, minn April 2020 sa Marzu 2021. Minkejja l-isfidi marbuta mat-tifqigħa tal-Covid-19, aħna żammejna l-ippjanar ta' riżoluzzjoni tal-2020 fid-direzzjoni t-tajba, irreaġixxejna għaċ-ċirkostanzi tas-suq u ħejjejna pjanijiet ta' riżoluzzjoni flimkien mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali (NRAs) għall-gruppi bankarji taħt il-mandat tal-SRB. Aħna ppubblikajna wkoll l-Aspettattivi għall-Banek bħala l-pjan ta' azzjoni ewlieni biex il-banek jiġu ggwidati lejn ir-riżolvibbiltà. Aħna wrejna flessibbiltà, iżda konna sodi fl-għan tagħna li niżguraw l-istabbiltà finanzjarja billi nagħmlu l-banek kollha tal-SRB riżolvibbli.

Fit-triq 'il quddiem, l-SRB se jkompli jimplimenta b'mod sistematiku r-Rekwiżit Minimu għall-fondi proprji u l-Obbligazzjonijiet Eliġibbli, jew **MREL**. Il-ħidma fuq il-valutazzjonijiet tar-riżolvibbiltà u l-iżvilupp ta' **mappa termika** biex jiġu identifikati kwistjonijiet pendenti se jkomplu jsaħħu r-riżolvibbiltà tal-banek tagħna. Bħalissa ninsabu fid-direzzjoni t-tajba għall-mira tal-2024 li nilħqu r-riżolvibbiltà operazzjonali u li l-MREL ikun inbena kompletament.

F'dan il-kuntest, qed nikkumplimentaw ukoll il-politiki tagħna u ntejbu l-gwida għall-industrija. Dan jirrigwarda l-MREL u gwida konkreta, fost l-oħrajn, dwar miżuri ta' likwidità. Aħna se nwessgħu wkoll il-valutazzjoni tal-interess pubbliku, fejn se nirriflettu dwar avvenimenti mifruxa mas-sistema kollha flimkien ma' fallimenti idjosinkratiċi.

Il-pandemija hija bla dubju sfond ta' sfida għall-industrija finanzjarja, iżda hija wkoll opportunità għas-settur biex imexxi 'l quddiem u jlesti r-riformi introdotti wara l-kriżi finanzjarja kbira tal-2007/2008. Aħna nafu li l-kriżi tal-2020 ma oriġinatx fis-settur bankarju u li l-banek qed jaqdu r-rwol tagħhom fis-soluzzjoni din id-darba. Nafu wkoll li l-ekonomija għadha ma ħassitx bis-sħiħ l-effetti tat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, anki b'perspettiva aktar pożittiva minħabba l-aċċellerazzjoni fit-tilqim. Madankollu, aħna nistennew bil-ħerqa li nibnu fuq il-kisbiet sal-lum sabiex inkunu nistgħu negħlbu l-isfidi kollha li nistgħu naffaċċjaw fix-xhur li ġejjin.

Fl-2020, rajna ħafna passi pożittivi 'l quddiem bl-għan li tissaħħaħ l-istabbiltà finanzjarja fl-UE. Is-sena rat it-tħabbira tal-introduzzjoni bikrija tal-**garanzija ta' kontinġenza komuni**, li se ttejjeb il-fiduċja fil-qafas ta' riżoluzzjoni bankarja. M'hemmx għalfejn ngħidu li fil-kuntest tal-kriżi tal-Covid-19, il-garanzija ta' kontinġenza se ssaħħaħ il-kapaċità tal-SRB jekk ikun hemm xi kwistjonijiet.

Qasam ieħor ta' żvilupp pożittiv huwa r-reviżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-**qafas dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet bankarji u l-assigurazzjoni ta' depożiti (CMDI)**. L-Unjoni Bankarja għadha nieqsa mit-tielet pilastru tagħha – skema komuni ta' assigurazzjoni ta' depożiti. Id-diskrepanzi fil-protezzjoni tad-depożitanti madwar il-pajjiżi tal-Unjoni Bankarja u l-ispustar ħażin bejn il-qafas ta' riżoluzzjoni u l-oqfsa nazzjonali ta' likwidazzjoni bankarja jirriżultaw f'inkonsistenzi fl-aċċess għal xbieki ta' sikurezza finanzjarja għad-depożitanti tal-UE. Din hija xi ħaġa li rridu narawha indirizzata. Naraw ukoll il-mertu fir-reviżjoni tal-kundizzjonijiet għall-aċċess ta' sorsi differenti ta' finanzjament fir-riżoluzzjoni u fl-insolvenza.

L-SRB dejjem osserva l-isfidi ffaċċjati minħabba d-differenzi bejn il-qafas ta' riżoluzzjoni u r-reġimi nazzjonali ta' insolvenza li jvarjaw ħafna. Għalhekk, l-SRB ikompli jitlob l-armonizzazzjoni, jew inkella għodda ta' likwidazzjoni amministrattiva komuni, biex jippermetti l-ħruġ konsistenti u bla xkiel ta' banek li qed ifallu mis-suq.

L-SRB ikompli jaħdem mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea, mal-Kunsill tal-UE u mal-Parlament Ewropew biex jagħmel progress f'dawn il-kwistjonijiet kollha, iżda l-SRB se jkompli wkoll **id-djalogu** tiegħu ma' ġurisdizzjonijiet barra mill-Unjoni Bankarja – kemm fl-Ewropa kif ukoll **internazzjonalment.** L-għan tal-promozzjoni tal-istabbiltà finanzjarja huwa wieħed kondiviż, u lkoll għandna nifhmu l-proċessi u l-oqfsa legali ta' ġurisdizzjonijiet għajr dawk tagħna stess, b'mod partikolari jekk l-effetti tad-deċiżjonijiet tal-SRB ikunu maħsuba biex imorru lil hinn mill-Unjoni Bankarja jew jekk id-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet l-oħra jkollhom impatt fuq l-Unjoni Bankarja. Għal dan il-għan, l-SRB wettaq għadd ta' eżerċizzji u skambji tekniċi ma' awtoritajiet minn ġewwa l-Unjoni Ewropea u pajjiżi oħra, inklużi l-Istati Uniti u r-Renju Unit. F'termini ta' **Brexit,** l-SRB ilu jħejji għal żmien twil u ilu jinvolvi ruħu b'mod attiv mal-Bank of England u mal-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet tal-UE biex jiżgura tranżizzjoni bla xkiel u djalogu kontinwu mal-ħbieb tagħna tar-Renju Unit. Nispera li nistgħu nibnu fuq din il-kooperazzjoni fis-snin li ġejjin.

Fl-aħħar nett, nixtieq nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lill-membri kollha tal-persunal tal-SRB u lill-Membri tal-Bord u lis-sħab tagħna fil-livell nazzjonali, Ewropew u internazzjonali għall-ħidma diffiċli, id-dedikazzjoni u l-kooperazzjoni eċċellenti tagħhom li għaddejjin bħalissa. Is-sena l-oħra kienet waħda straordinarja u minkejja ċ-ċirkostanzi diffiċli attwali, jien kunfidenti li se nżomm l-ispirtu stimulanti tagħna fl-2021 u lil hinn, li se jippermettilna nilħqu l-istadji importanti li jmiss biex il-banek kollha jiġu riżolti, u b'hekk tiġi ppreservata l-istabbiltà finanzjarja u jiġu protetti l-flus tal-kontribwenti.

# Taqsiriet

| | |
|---|---|
| **AHWP** | grupp ta' ħidma ad hoc |
| **BRRD** | direttiva dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-banek |
| **CCP** | kontroparti ċentrali |
| **CCS** | Sistema ta' Ġbir tal-Kontribuzzjonijiet |
| **CMG** | grupp(i) għall-immaniġġjar ta' kriżijiet |
| **CoAg** | ftehim ta' kooperazzjoni |
| **CoFra** | ftehim qafas ta' kooperazzjoni |
| **CS** | Segretarjat Korporattiv |
| **EA** | żona tal-euro |
| **EBA** | Awtorità Bankarja Ewropea |
| **EDIS** | skema Ewropea ta' assigurazzjoni tad-depożiti |
| **FAS** | sistema ta' kontabbiltà finanzjarja |
| **FMI** | Fond Monetarju Internazzjonali |
| **FSB** | Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja |
| **FTWP** | programm ta' ħidma trilaterali ulterjuri |
| **GLRA** | awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp |
| **G-SIB** | bank globali sistemikament importanti |
| **HR** | riżorsi umani |
| **ICS** | standard(s) ta' kontroll intern |
| **ICT** | teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni |
| **IPC** | impenn ta' pagament irrevokabbli |
| **IRT** | tim intern ta' riżoluzzjoni |
| **ISF** | infrastruttura tas-suq finanzjarju (eż. CCPs) |
| **JRC** | Ċentru Konġunt tar-Riċerka |
| **Kumitat ECON** | Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji |
| **Kummissjoni** | Kummissjoni Ewropea |
| **LAA** | ammont ta' assorbiment tat-telf |
| **LDT** | mudell tad-data dwar l-obbligazzjonijiet |
| **LFA** | ftehim dwar faċilità ta' self |
| **LSI** | istituzzjoni ta' kreditu inqas sinifikanti |
| **MAP** | programm ta' ħidma pluriennali |
| **MCC** | imposta fuq il-fiduċja tas-suq |
| **MREL** | Rekwiżit Minimu għal fondi proprji u Obbligazzjonijiet Eliġibbli |
| **MtQ** | memorandum ta' qbil |
| **NCA** | awtorità nazzjonali kompetenti |
| **NCWO** | l-ebda kreditur ma jmur agħar |
| **NRA** | awtorità ta' riżoluzzjoni nazzjonali |
| **OSI** | spezzjoni fuq il-post |
| **O-SII** | istituzzjoni sistemikament importanti oħra |
| **RAP** | proċess ta' valutazzjoni tar-riżolvibbiltà |
| **RCA** | ammont ta' rikapitalizzazzjoni |
| **RWA** | ass imwieżen għar-riskju |
| **SI** | istituzzjoni sinifikanti |
| **SM** | Stat(i) Membru/Membri |
| **SME** | intrapriżi żgħar u ta' daqs medju |
| **SRB** | Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni |
| **SRF** | Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni |
| **SRM** | Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni |
| **SRMR** | Regolament dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni |
| **TFAK** | Task Force dwar Azzjoni Koordinata |
| **TLAC** | kapaċità totali ta' assorbiment tat-telf |
| **WS** | fluss tax-xogħol |

# Sommarju eżekuttiv

Matul l-2020, li mmarkat is-sitt sena tas-servizz tal-SRB sa mill-bidu tiegħu, u minkejja sena ta' sfidi bla preċedent minħabba l-pandemija tal-Covid-19, l-SRB kompla jagħmel progress fit-tisħiħ tar-riżoluzzjoni tal-banek, fl-implimentazzjoni tal-politiki ta' riżoluzzjoni, fil-progress tal-operazzjonalizzazzjoni tal-introduzzjoni bikrija tal-garanzija ta' kontinġenza komuni, u djalogu intensifikat mal-banek u mal-awtoritajiet ewlenin ta' riżoluzzjoni u ta' superviżjoni.

Abbażi tal-prijoritajiet ifformulati fil-programm ta' ħidma għall-2020 u l-ħidma tas-snin preċedenti, l-SRB iffoka l-ħidma tiegħu fl-2020 fuq l-oqsma li ġejjin:

(i) It-tisħiħ ulterjuri tar-riżolvibbiltà tal-entitajiet tal-SRB u tal-istituzzjonijiet inqas sinifikanti (LSIs);

(ii) It-trawwim ta' qafas robust ta' riżoluzzjoni;

(iii) It-tħejjija u t-twettiq ta' mmaniġġjar effettiv ta' kriżijiet;

(iv) Il-bini ulterjuri tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRF) u l-operazzjonalizzazzjoni tal-ftehimiet dwar il-garanzija ta' kontinġenza;

(v) L-iżgurar ta' organizzazzjoni sempliċi u effiċjenti.

Ir-Rapport Annwali tal-SRB għall-2020 juri li l-objettivi identifikati fil-programm ta' ħidma tal-SRB għall-2020 fil-biċċa l-kbira ntlaħqu. B'mod partikolari, il-kisbiet ewlenin tal-SRB jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, dawn li ġejjin:

- Id-dokumenti ta' gwida ppubblikati għall-operazzjonalizzazzjoni tar-rikapitalizzazzjoni interna f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-NRAs, u ħareġ is-sett ta' *data* standardizzat tiegħu biex jiġi żgurat li d-*data* minima meħtieġa tkun disponibbli biex tappoġġja valwazzjoni robusta għar-riżoluzzjoni bankarja.
- Bil-għan li jinforma u jikkomunika mal-pubbliku dwar il-ħidma, il-missjoni u l-mandat tiegħu, l-SRB laħaq b'mod attiv lill-partijiet ikkonċernati u lill-pubbliku ġenerali billi aġġorna d-dokument tiegħu dwar l-Aspettattivi għall-Banek (EfB) biex jirrifletti l-feedback tal-industrija. L-SRB nieda wkoll konsultazzjoni pubblika bil-għan li jaġġorna l-politika dwar ir-Rekwiżit Minimu għall-fondi proprji u l-Obbligazzjonijiet Eliġibbli (MREL) u ħareġ l-approċċ aġġornat tiegħu għar-reġim ta' permess minn qabel għal sejħiet, tifdija, ħlas lura jew xiri mill-ġdid ta' strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli mill-banek, qabel il-bidliet regolatorji ewlenin li ġejjin.
- Laqa' l-introduzzjoni bikrija tal-garanzija ta' kontinġenza komuni għall-SRF, li huwa pass importanti lejn it-tlestija tal-Unjoni Bankarja u se jsaħħaħ il-fiduċja fil-qafas tar-riżoluzzjoni bankarja.

# Qafas istituzzjonali

F'konformità mal-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRMR), dan id-dokument jippreżenta r-Rapport Annwali tal-2020 tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB) li jiddeskrivi l-attivitajiet u l-prestazzjoni tal-SRB fl-2020. Il-ħidma mwettqa matul is-snin preċedenti kellha l-għan li tikseb u timplimenta l-viżjoni, il-missjoni u l-mandat tal-SRB.

### (A) IL-VIŻJONI TAL-BORD UNIKU TA' RIŻOLUZZJONI

L-SRB jistinka biex ikun awtorità ta' riżoluzzjoni fdata u rrispettata b'kapaċità ta' riżoluzzjoni qawwija fil-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRM) u biex jaġixxi malajr u b'mod xieraq, konsistenti u proporzjonali fl-istabbiliment u l-infurzar ta' sistema effettiva ta' riżoluzzjoni għall-banek fil-ġuriżdizzjonijiet tal-SRM, b'hekk jiġu evitati salvataġġi futuri. L-SRB għandu l-għan li jkun ċentru ta' għarfien espert fir-riżoluzzjoni tal-banek fl-Unjoni Bankarja u lil hinn.

### (B) IL-MISSJONI TAL-BORD UNIKU TA' RIŻOLUZZJONI

L-SRB huwa l-awtorità ċentrali ta' riżoluzzjoni fi ħdan l-Unjoni Bankarja. Flimkien mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali (NRAs) tal-Istati Membri (SM) parteċipanti, hu jifforma l-SRM. L-SRB jaħdem mill-qrib mal-NRAs, mal-Kummissjoni Ewropea (il-Kummissjoni), mal-Bank Ċentrali Ewropew (il-BĊE), mal-Awtorità Bankarja Ewropea (l-EBA), u mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (NCAs). Il-missjoni tiegħu hi li jiżgura riżoluzzjoni ordnata ta' banek inadempjenti b'impatt minimu fuq l-ekonomija reali u fuq il-finanzi pubbliċi tal-SM parteċipanti u lil hinn. Ir-rwol tal-SRB huwa proattiv: minflok ma jistenna li jinħolqu sitwazzjonijiet ta' riżoluzzjoni, l-SRB jiffoka fuq l-ippjanar tar-riżoluzzjoni u t-titjib tar-riżolvibbiltà, biex jiġu evitati l-impatti negattivi potenzjali ta' falliment bankarju fuq l-ekonomija u fuq l-istabbiltà finanzjarja.

### (C) IL-MANDAT TAL-BORD UNIKU TA' RIŻOLUZZJONI

Sabiex itejjeb l-istabbiltà finanzjarja, l-SRB iħejji pjanijiet ta' riżoluzzjoni bħala attività li tħares 'il quddiem. Jekk bank fi ħdan il-mandat tal-SRB ikun qed ifalli jew x'aktarx li jkun se jfalli u jissodisfa l-kriterji għal riżoluzzjoni, l-SRB iwettaq ir-riżoluzzjoni tiegħu permezz tal-hekk imsejħa skema ta' riżoluzzjoni. L-SRB huwa responsabbli wkoll mill-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRF) iffinanzjat mill-industrija, li ġie stabbilit sabiex jipprovdi finanzjament anċillari biex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva tal-iskemi ta' riżoluzzjoni f'ċerti ċirkostanzi. Barra minn hekk, l-SRB jissorvelja l-funzjonament konsistenti tal-SRM fl-intier tiegħu. L-SRB ġie stabbilit mill-SRMR, u beda jopera bħala aġenzija indipendenti tal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2015. Huwa assuma l-mandat legali sħiħ tiegħu għall-ippjanar tar-riżoluzzjoni u adotta d-deċiżjonijiet kollha relatati mar-riżoluzzjoni fl-1 ta' Jannar 2016. Matul il-ħidma tiegħu l-SRB jibqa' responsabbli għall-partijiet ikkonċernati tiegħu.

### (D) RESPONSABBILTÀ

L-SRMR jistabbilixxi qafas sostantiv u robust ta' responsabbiltà għall-attivitajiet tal-SRB fir-rigward tal-Parlament Ewropew (il-Parlament), tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (il-Kunsill) u tal-Kummissjoni.

It-trasparenza hija marbuta mar-responsabbiltà. Bħala parti mill-implimentazzjoni tal-SRMR, l-SRB jagħmel ħiltu biex ikun trasparenti



u jinżamm responsabbli mir-rappreżentanti taċ-ċittadini Ewropej fil-Parlament permezz ta' seduti ta' smigħ pubbliċi regolari u skambji ta' fehmiet ad hoc mal-President fil-laqgħat tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-Parlament Ewropew (Kumitat ECON). Fuq talba tal-Kunsill, il-President jista' jinstema' wkoll mill-Kunsill.



# 1 Tisħiħ tar-riżolvibbiltà tal-banek tal-SRB u ta’ istituzzjonijiet ta’ kreditu inqas sinifikanti



Sabiex jissodisfa l-mandat tiegħu biex tiġi żgurata r-riżolvibbiltà tal-banek u l-istituzzjonijiet transfruntiera f'każ li jfallu, b'impatt minimu fuq l-ekonomija reali u l-finanzi pubbliċi, parti predominanti mill-ħidma regolari tal-SRB tikkonsisti fl-abbozzar ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni għall-banek kollha taħt il-mandat tiegħu, jiġu stabbiliti miri vinkolanti tal-MREL u l-identifikazzjoni u t-tneħħija tal-ostakoli għar-riżolvibbiltà. It-tisħiħ ulterjuri ta' funzjoni ta' sorveljanza effettiva fuq istituzzjonijiet ta' kreditu inqas sinifikanti (LSIs) huwa qasam strateġiku ewlieni ieħor sabiex jiġu żgurati attivitajiet konsistenti ta' ppjanar ta' riżoluzzjoni fost il-banek kollha fl-Unjoni Bankarja. F'dawn l-isforzi kollha, kienet essenzjali kollaborazzjoni tajba u mill-qrib mal-NRAs.

# 1.1. Iċ-ċiklu ta' ppjanar tar-riżoluzzjoni u l-pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-2020 għall-banek tal-SRB

Minkejja t-tifqigħa tal-pandemija fil-bidu tal-2020, it-tliet Direttorati ta' Riżoluzzjoni, appoġġjati mill-funzjonijiet orizzontali tal-SRB, implimentaw b'suċċess iċ-ċiklu ta' ppjanar tar-riżoluzzjoni tal-2020 (RPC) u wettqu l-objettivi kollha tal-ippjanar tar-riżoluzzjoni.

Fl-2020, l-SRB applika b'suċċess għall-ewwel darba l-RPC ta' 12-il xahar, li tħejja fl-2019. Sabiex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tal-ħidma tal-bank fl-RPC minkejja l-isfidi kkawżati mill-pandemija, l-SRB ipprovda ċerti miżuri ta' salvataġġ lill-banek mingħajr ma pperikola l-objettiv tal-SRB li jiżgura li l-banek jiġu solvuti bis-sħiħ. Barra minn hekk, fejn meħtieġ, l-IRTs aġġornaw il-miri tal-MREL skont il-gwida żviluppata mill-SRB abbażi tad-*data* ta' Ġunju 2020.

B'mod partikolari, id-disa' unitajiet ta' riżoluzzjoni tal-SRB, f'kooperazzjoni mal-NRAs, wettqu l-kompiti li ġejjin:

- L-implimentazzjoni ta' RPC ta' 12-il xahar fi stat stabbli għall-gruppi bankarji kollha taħt il-mandat dirett tal-SRB;
- L-iżvilupp ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni għall-gruppi bankarji taħt il-mandat dirett tal-SRB, b'enfasi fuq l-operazzjonalizzazzjoni tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni, inklużi miri vinkolanti esterni u interni tal-MREL filwaqt li jitqies il-qafas legali rivedut;
- L-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda tal-SRMR2, tal-BRRD2 u tas-CRRD2 permezz ta' politiki interni tal-SRB u gwida operazzjonali (eż. l-applikazzjoni ta' politika ġdida tal-MREL);
- Il-monitoraġġ mill-qrib tar-riżolvibbiltà tal-banek kontra l-introduzzjoni gradwali tal-EfB;
- It-twettiq tal-valutazzjoni annwali tar-riżolvibbiltà billi jiġu identifikati l-impedimenti potenzjali għar-riżolvibbiltà, filwaqt li jitqiesu l-prijoritajiet speċifiċi għall-bank għall-2020 definiti mill-IRTs;
- Aktar gwida għall-banek tal-SRB dwar il-playbooks ta' rikapitalizzazzjoni interna kredibbli u fattibbli li għalihom tintgħażel l-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna bħala l-għodda ta' riżoluzzjoni ppreferuta; u
- L-iżvilupp u l-approvazzjoni tal-ewwel sett ta' kriterji komuni biex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti tal-istandards tal-ippjanar tar-riżoluzzjoni mill-NRAs fir-rigward tal-LSIs.

Kien hemm total ta' 120 bank taħt il-mandat tal-SRB mill-31 ta' Diċembru 2020. Il-bidliet meta mqabbla mal-bidu tal-kont tas-sena għall-banek li ħallew il-mandat tal-SRB minħabba li tilfu l-istatus tagħhom bħala istituzzjonijiet sinifikanti billi jnaqqsu l-attivitajiet transfruntiera tagħhom, jidħlu f'insolvenza, fużjonijiet, u r-raggruppament ta' entitajiet taħt il-kumpanija prinċipali tagħhom fl-Unjoni Bankarja. Bl-istess mod, bank wieħed daħal ukoll fil-mandat tal-SRB

fl-2020 wara l-adeżjoni tal-Bulgarija fl-SRM (fl-1 ta' Ottubru 2020).

It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi stampa ġenerali tan-numru ta' banek skont il-mandat tal-SRB skont l-Istat Membru.

**Tabella 1[1]:** Stampa ġenerali dettaljata tal-attività ta' ppjanar ta' riżoluzzjoni skont l-Istat Membru[2]

| SM | Numru ta' banek tal-SRB fl-1 ta' Jannar 2020 | Numru ta' banek tal-SRB fil-31 ta' Diċembru 2020 | Pjanijiet ta' riżoluzzjoni adottati għaċ-ċiklu ta' ppjanar tal-2020[3] | | Deċiżjonijiet dwar l-MREL adottati għaċ-ċiklu ta' ppjanar tal-2020[4] | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Numru totali (nru ta' approvazzjoni pendenti fil-parentesi) | Li minnhom obbligi ssimplifikati | Konsolidati | Individwali[5] |
| BG | 0 | 1 | 0 | 0 | 0 | 1 |
| BE | 8 | 8 | 4 (+2) | 0 | 3 | 2 |
| DE | 22 | 21 | 18 (+3) | 0 | 19 | 7 |
| EE | 3 | 3 | 1 | 0 | 1 | 0 |
| IE | 6 | 6 | 4 | 0 | 3 | 8 |
| EL | 4 | 4 | 4 | 0 | 4 | 0 |
| ES | 13 | 13 | 11 (+1) | 0 | 11 | 4 |
| FR | 12 | 12 | 8 (+3) | 3 | 8 | 6 |
| HR[12] | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 3 |
| IT | 13 | 12 | 10 (+2) | 0 | 10 | 14 |
| CY | 3 | 3 | 3 | 0 | 3 | 2 |
| LV | 4 | 3 | 1 | 0 | 1 | 0 |
| LT | 3 | 3 | 1 | 0 | 1 | 0 |
| LU | 5 | 5 | 5 | 0 | 5 | 3 |

1 Nota: dan ir-Rapport Annwali jinkludi ċ-ċifri rigward il-Pjanijiet ta' Riżoluzzjoni u d-deċiżjonijiet tal-MREL adottati mill-4 ta' Mejju 2021 għall-RPC tal-2020; iċ-ċifri finali li jirriflettu t-tlestija taċ-ċiklu se jsiru disponibbli fuq is-sit web tal-SRB hekk kif jiġu adottati d-deċiżjonijiet pendenti.

2 Din it-tabella turi l-SIs f'kull Stat Membru; ċifri aggregati għall-banek taħt il-mandat dirett tal-SRB li huma sussidjarji ta' grupp bankarju ieħor skont il-mandat dirett tal-SRB (dan jispjega, pereżempju, għaliex il-Kroazja u s-Slovakkja mhumiex irrappreżentati fit-tabella). LSIs transfruntiera jingħaddu biss fl-Istati Membri li fihom jinsabu l-kwartieri ġenerali tagħhom.

3 *Data* mill-4 ta' Mejju 2021. Għall-pjanijiet ta' riżoluzzjoni skont obbligi simplifikati, l-għadd ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni approvati jirreferi għall-RPC tal-2020 u ma jkoprix it-totalità tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni kollha tal-SRB skont obbligi simplifikati.

4 *Data* mill-4 ta' Mejju 2021. Id-*data* ma tinkludix l-għadd ta' deċiżjonijiet tal-MREL sakemm tingħata l-approvazzjoni.

5 Id-*data* tinkludi deċiżjonijiet dwar l-MREL fil-livell individwali biss għas-sussidjarji inkorporati fl-Unjoni Bankarja tal-impriża omm, jiġifieri ma tkoprix id-determinazzjonijiet individwali tal-MREL għall-entitajiet stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti.

6 L-entità hija sussidjarja ta' bank ospitanti u kkategorizzata bħala "każ ospitanti". Konsegwentement, l-SRB ma ppreparax pjan ta' riżoluzzjoni; ikkontribwixxa għall-pjan ta' riżoluzzjoni mħejji mill-awtorità ta' riżoluzzjoni responsabbli barra mill-Unjoni Bankarja.

7 Żewġ banek ma kinux inklużi fl-RPC tal-2020 minħabba fużjoni/akkwiżizzjoni u ċirkostanzi speċifiċi ta' każ ospitanti.

8 Żewġ banek ma kinux inklużi fl-RPC tal-2020 minħabba fużjoni/akkwiżizzjoni u ċirkostanzi speċifiċi ta' każ ospitanti.

9 Ara n-nota preċedenti f'qiegħ il-paġna.

10 Għal bank wieħed, l-SRB ma ppreparax pjan ta' riżoluzzjoni fl-RPC tal-2020 peress li ġie abbozzat pjan ta' riżoluzzjoni simplifikat tal-obbligi fl-RPC tal-2019 ara wkoll in-nota 2 f'qiegħ il-paġna).

11 Bank wieħed jiġi kkategorizzat bħala każ ospitanti. Għalhekk, l-SRB ma ppreparax pjan ta' riżoluzzjoni (ara wkoll in-nota 5 f'qiegħ il-paġna).

12 Bħal hawn fuq - iċ-ċifri jaggregaw lill-banek skont il-mandat dirett tal-SRB li huma sussidjarji ta' grupp bankarju ieħor skont il-mandat dirett tal-SRB (dan jispjega, pereżempju, għaliex il-Kroazja u s-Slovakkja mhumiex irrappreżentati f'xi kolonni tat-tabella).

13 Iż-żewġ banek huma kkategorizzati bħala każijiet ospitanti. Għalhekk, l-SRB ma ppreparax pjan ta' riżoluzzjoni (ara wkoll in-nota 5 f'qiegħ il-paġna).

14 Bħal t'hawn fuq.

| SM | Numru ta' banek tal-SRB fl-1 ta' Jannar 2020 | Numru ta' banek tal-SRB fil-31 ta' Diċembru 2020 | Pjanijiet ta' riżoluzzjoni adottati għaċ-ċiklu ta' ppjanar tal-2020[3] | | Deċiżjonijiet dwar l-MREL adottati għaċ-ċiklu ta' ppjanar tal-2020[4] | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Numru totali (nru ta' approvazzjoni pendenti fil-parentesi) | Li minnhom obbligi ssimplifikati | Konsolidati | Individwali[5] |
| MT | 3 | 3 | 2 | 0 | 2 | 0 |
| NL | 7 | 6 | 5 (+1) | 2 | 5 | 3 |
| AT | 8 | 8 | 6 (+2) | 0 | 6 | 9 |
| PT | 5 | 4 | 2 (+2) | 1 | 2 | 1 |
| SI | 3 | 2 | 2 | 0 | 2 | 1 |
| SK | 3 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 |
| FI | 3 | 3 | 2 (+1) | 1 | 2 | 1 |
| **Total** | **128** | **120** | 89 (+17) | 7 | 88 | 66 |

**Nota:** Fl-RPC tal-2020, l-SRB abbozza 106 pjanijiet ta' riżoluzzjoni. Id-differenza fin-numru rrapportat ta' banek tal-SRB tirriżulta mill-aggregazzjoni ta' banek tal-SRB speċifiċi kkunsidrati każijiet ospitanti (li jappartjenu għall-istess impriża) u obbligi simplifikati. Meta jitqies dan ir-raggruppament, fl-RPC tal-2020 l-SRB kien responsabbli għal sitt każijiet ospitanti. Barra minn hekk, l-SRB stabbilixxa kulleġġ ta' riżoluzzjoni għal 17-il bank u kulleġġ ta' riżoluzzjoni Ewropew għal 11-il bank taħt il-mandat tiegħu. L-SRB ppreveda seba' gruppi ta' ġestjoni tal-kriżijiet (CMGs) għall-G-SIBs.

Matul l-2020, l-IRTs kollha mmonitorjat mill-qrib il-progress tal-banek biex isiru kompletament riżolvibbli. Dan ġie ffaċilitat mit-talba u l-analiżi tar-rapporti ta' progress tar-riżolvibbiltà mħejjija mill-banek u l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni mill-banek tal-prijoritajiet annwali tagħhom ikkomunikati permezz tal-ittra ta' prijorità speċifika għall-banek għall-2020.

## 1. ĊIKLU TAL-IPPJANAR U NUMRU TA' PJANIJIET TA' RIŻOLUZZJONI

Iċ-Ċiklu tal-Ippjanar tar-Riżoluzzjoni (RPC) tal-2020 allinja l-banek kollha taħt il-mandat tal-SRB fuq l-istess ċiklu ta' 12-il xahar li jibda fil-bidu tat-tieni kwart ta' kull sena kalendarja, bir-riżami u l-valutazzjoni tal-informazzjoni standardizzata dwar l-ippjanar tar-riżoluzzjoni rrappurtata mill-banek kif muri fil-Figura 1 hawn taħt. L-RPC tal-2020 qies il-promulgazzjoni tal-Pakkett Bankarju l-ġdid u r-rekwiżit legali għar-riżami tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni mill-inqas kull sena.

Dan l-approċċ annwali jwassal għal żmien ottimizzat tat-teħid tad-deċiżjonijiet u d-dati ta' referenza tal-SRB: huwa allinjat mal-iżvilupp ulterjuri tal-politiki u l-metodoloġiji tal-SRB, huwa jqis il-proċessi tal-partijiet ikkonċernati esterni tal-SRB, u jiżgura l-konsistenza u t-trasparenza. Dan jipprovdi wkoll il-bażi għall-introduzzjoni gradwali tal-Aspettattivi għall-Banek (EfB), ippubblikati f'April 2020, u l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma Pluriennali tal-SRB, ippubblikat f'Novembru 2020.

Skont il-koordinazzjoni ġenerali tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-RPC (SteerCo), flussi ta' ħidma dedikati ffukaw fuq il-finalizzazzjoni tal-RPC tal-2019 fl-ewwel trimestru tal-2020, kif ukoll l-identifikazzjoni u l-ippjanar tar-riżultati kollha meħtieġa għall-operazzjonalizzazzjoni tal-RPC tal-2020. L-RPC SteerCo laħaq l-objettivi ewlenin tiegħu f'termini ta' riżultati tanġibbli ewlenin għall-operazzjonalizzazzjoni tal-politiki tal-SRB li jkopru diversi suġġetti, li minnhom tliet oqsma ġew identifikati bħala prijoritajiet għaċ-ċiklu ta' riżoluzzjoni tal-2020 – jiġifieri (i) Implimentazzjoni tar-rikapitalizzazzjoni interna; (ii) Il-kontinwità operattiva fir-riżoluzzjoni; u (iii) L-aċċess għall-infrastrutturi tas-suq finanzjarju (FMIs)

[15] Bħal t'hawn fuq.

u l-prevenzjoni tat-tfixkil għall-attività tal-klijenti.

L-IRTs żguraw li l-banek għamlu progress fil-prijoritajiet identifikati fl-2020 iddikjarati hawn fuq. L-IRTs ivvalutaw lill-banek fuq il-playbooks ta' rikapitalizzazzjoni tagħhom, li nbdew għall-gruppi bankarji kollha taħt il-mandat tal-SRB u li għalihom intgħażlet għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna bħala l-istrateġija ta' riżoluzzjoni ewlenija. Barra minn hekk, l-IRTs nedew il-valutazzjoni annwali tar-riżolvibbiltà billi identifikaw impedimenti potenzjali għar-riżolvibbiltà u billi ddefinixxu prijoritajiet individwali għall-banek kollha għas-sena ta' wara. Dawn tal-aħħar ġew ikkomunikati lil kull bank, flimkien mal-aspettattivi tal-SRB abbażi tal-introduzzjoni gradwali ġenerali tal-fażi tal-EfB.

Mill-mument tal-kitba, l-SRB ħejja 106 pjanijiet ta' riżoluzzjoni, li kienu soġġetti għall-assigurazzjoni tal-kwalità u għall-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati esterni, b'mod partikolari l-BĊE. Il-fażi ta' approvazzjoni sussegwenti tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni, kif ukoll id-deċiżjonijiet relatati tal-MREL (konsolidati jew individwali) għall-RPC tal-2020, tlestiet għal kważi l-banek tal-SRB kollha. Għal ftit banek li jifdal, minħabba raġunijiet bħat-traspożizzjoni mdewma tal-BRRD2 fil-livell nazzjonali, l-approvazzjoni finali se tingħata fil-ġimgħat li ġejjin. Barra minn hekk, l-SRB ikkontribwixxa għall-abbozzar ta' sitt pjanijiet ta' riżoluzzjoni li għalihom mhuwiex l-awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp (GLRA).

**Figura 1:** Elementi ewlenin tal-RPC tal-2020 – Kronoloġija




**ĊIKLU REGOLARI TA' 12-IL XAHAR**

Fis-sajf tal-2020, l-SRB stabbilixxa Uffiċċju għall-Ippjanar tar-Riżoluzzjoni (RPP), li pprovda unitajiet ta' riżoluzzjoni fit-tliet direttorati ta' riżoluzzjoni b'appoġġ operazzjonali dwar l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-RPC. L-RPO jikkontribwixxi wkoll għall-applikazzjoni konsistenti tal-politiki tal-SRB u jservi bħala punt uniku ta' kuntatt fir-rigward tal-ġestjoni tal-RPC.

## 2. KONTENUT TAL-PJANIJIET TA' RIŻOLUZZJONI

L-SRB qed itejjeb kontinwament il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni eżistenti biex jiżgura t-tħejjija għall-kriżi u jtejjeb ir-riżolvibbiltà tal-banek. L-RPC

tal-2020 kopra l-biċċa l-kbira tal-aspetti tal-ippjanar tar-riżoluzzjoni, inkluż l-għażla tal-għodod ta' riżoluzzjoni, il-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà, il-valutazzjoni tal-interess pubbliku u l-operazzjonalizzazzjoni tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni.

## 3. DEĊIŻJONIJIET DWAR IR-REKWIŻIT MINIMU GĦALL-FONDI PROPRJI U L-OBBLIGAZZJONIJIET ELIĠIBBLI

L-MREL jirrappreżenta waħda mill-għodod ewlenin tal-SRB sabiex tinkiseb ir-riżolvibbiltà tal-banek taħt il-mandat tiegħu. Dan jirrikjedi analiżi dettaljata tal-profili ta' riskju u l-istrateġiji ta' riżoluzzjoni speċifiċi tal-banek, kif ukoll skambju ta' informazzjoni u koordinazzjoni ma' ħafna partijiet ikkonċernati bħall-NRAs, l-awtoritajiet kompetenti, membri oħra tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni jew banek.

Matul iċ-ċiklu ta' ppjanar tar-riżoluzzjoni tal-2020, l-SRB adotta 88 deċiżjoni vinkolanti fil-livell konsolidat u 56 deċiżjoni vinkolanti fil-livell individwali għall-gruppi bankarji taħt il-mandat tiegħu.

## 4. TĦEJJIJIET GĦALL-RPC TAL-2021

Abbażi tal-EfB tal-SRB, l-SRB ipprovda lill-banek taħt il-mandat tiegħu b'ittri ta' prijorità għall-2021. Dawn l-ittri jiddeskrivu l-prijoritajiet ta' ħidma annwali komuni għall-banek tal-SRB kollha, kif ukoll l-objettivi speċifiċi għall-istituzzjoni f'konformità mal-EfB tal-SRB u l-feedback dwar il-ħidma li qed iwettqu biex jiġu solvuti sa tmiem l-2023. Dan jiżgura li l-banek ikollhom l-informazzjoni kollha li jeħtieġu biex iħejju programmi ta' ħidma speċifiċi u mfassla apposta biex jiġu solvuti.



# 1.2. Il-pandemija tal-COVID-19

Matul il-biċċa l-kbira tal-2020, id-dinja ffaċċjat sfida mingħajr preċedent bil-pandemija tal-Covid-19, li għadha qed ikollha effett serju fuq is-saħħa tan-nies u fuq l-ekonomija globali. L-SRB, bħall-organizzazzjonijiet u l-kumpaniji l-oħra kollha, esperjenza xi ftit mill-impatt tas-sitwazzjoni mill-qrib, u ilu jwettaq ħafna mill-ħidma tiegħu mill-bogħod minn Marzu 2020. Filwaqt li s-settur bankarju Ewropew daħal fil-kriżi tal-pandemija tal-Covid-19 f'forma ħafna aħjar milli kien fil-bidu tal-kriżi tal-2008, l-impatt tal-pandemija tal-Covid-19 fuq is-settur bankarju nnifsu għadu mhuwiex ċar u se jiddependi l-aktar fuq il-miżuri meħuda biex tiġi appoġġjata l-ekonomija reali u fuq kemm l-industriji differenti jimxu matul il-kriżi. L-SRB kompla jissorvelja l-banek taħt il-mandat tiegħu u appoġġjahom fejn meħtieġ b'miżuri ta' salvataġġ operazzjonali, bl-użu tal-flessibbiltà fil-qafas ta' riżoluzzjoni u filwaqt li jibni fuq il-ħidma li diġà saret, madankollu mingħajr ma jikkomprometti l-enfasi kontinwa fuq l-ippjanar tar-riżoluzzjoni, bil-għan li l-banek jiġu riżolvibbli. Flimkien mal-NRAs fi 12-il Sessjoni Plenarja speċifika, l-SRB ppospona informazzjoni u talbiet għal *data* inqas urġenti relatati mal-RPC tal-2020. Barra minn hekk, kien hemm interazzjoni aktar intensiva mal-BĊE. Fid-dawl tal-isfidi ppreżentati mir-restrizzjonijiet tar-riżorsi u l-kundizzjonijiet avversi tas-suq, l-SRB kien lest li jindirizza kwalunkwe kwistjoni fir-rigward ta' rekwiżiti speċifiċi mal-banek taħt il-mandat tiegħu fuq bażi individwali.

Fis-sitwazzjoni attwali, il-progress li għamlu l-industrija u l-awtoritajiet lejn ir-riżolvibbiltà f'dawn l-aħħar snin jeħtieġ li jinbena sabiex is-sistema finanzjarja ssir aktar stabbli u aktar b'saħħitha biex tiġi indirizzata l-pandemija tal-Covid-19. Il-qafas ta' riżoluzzjoni u l-bini ta' MREL għandhom ikunu għodod importanti biex jgħinu fl-appoġġ tal-irkupru ekonomiku u settur bankarju b'saħħtu.

Barra minn hekk, minħabba l-lockdowns imposti malajr mill-gvern Belġjan biex inaqqas it-tixrid tal-Covid-19, is-sehem tat-teleħaddiema fil-forza tax-xogħol tal-SRB żdied għal kważi 95 %, li ġab bidliet profondi fid-dinja tax-xogħol. L-SRB, bħala organizzazzjoni, wera kemm l-adattabilità kif ukoll il-flessibbiltà mhux biss lejn il-banek fil-mandat tiegħu, iżda wkoll lejn il-persunal tiegħu. Minn Marzu 2020, bl-appoġġ tal-ICT u l-HR tal-SRB, il-persunal tal-SRB seta' jaħdem mill-bogħod u jattendi laqgħat virtwalment b'mod sikur u effiċjenti. L-SRB nieda pjattaforma online li toffri pariri dwar ix-xogħol mid-dar biex tappoġġja lill-persunal fin-"normalità l-ġdida", u se tkompli tagħmel dan.

# 1.3. Is-sorveljanza tal-SRB għall-ippjanar tar-riżoluzzjoni u d-deċiżjonijiet għal istituzzjonijiet inqas sinifikanti

Filwaqt li l-NRAs huma direttament responsabbli għal Istituzzjonijiet ta' Kreditu Inqas Sinifikanti (LSIs)[16], l-SRB iwettaq rwol ta' sorveljanza għall-ippjanar tar-riżoluzzjoni u d-deċiżjonijiet għal-LSIs, bil-għan li jiżgura l-funzjonament effettiv u konsistenti tal-SRM. Fiċ-Ċiklu tal-Ippjanar tar-Riżoluzzjoni tal-LSI tal-2020 (LSI RPC), l-NRAs kienu responsabbli għall-ippjanar tar-riżoluzzjoni għal total ta' 2 220 LSI fl-Unjoni Bankarja (figura kif innotifikata mill-NRAs).

### 1. VALUTAZZJONI TAL-ABBOZZI TAL-PJANIJIET TA' RIŻOLUZZJONI

Bejn l-1 ta' Jannar 2020 u l-31 ta' Diċembru 2020, l-SRB irċieva notifiki ta' 661 abbozz ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-LSI, li minnhom 72 kienu relatati mal-RPC tal-LSI tal-2019 u 589 kienu jikkorrispondu mal-RPC tal-LSI tal-2020. Skont l-informazzjoni pprovduta mill-NRAs, sa tmiem l-RPC tal-LSI tal-2020 (l-aħħar ta' Marzu 2021), fl-2021 kienu mistennija notifiki ta' 119-il abbozz ta' pjan ta' riżoluzzjoni addizzjonali. B'kollox, dan iwassal għal għadd ta' abbozzi ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-LSIs mħejjija fl-RPC tal-LSI tal-2020 għal 708. Jekk jogħġbok irreferi għat-Tabella 2 għal diżaggregazzjoni skont il-pajjiż.

Iż-żieda ta' 1 319-il pjan ta' riżoluzzjoni skont obbligi simplifikati li ġew adottati fl-RPCs preċedenti tal-LSI u li baqgħu validi għall-RPC tal-LSI tal-2020 mas-708 abbozzi ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni mħejjija fl-RPC tal-LSI tal-2020, l-għadd ta' LSIs koperti mill-ippjanar tar-riżoluzzjoni fl-RPC tal-LSI tal-2020 laħaq 2 027, jew 91.3 % tal-2 220 LSI li għalihom kien meħtieġ l-ippjanar tar-riżoluzzjoni fl-RPC tal-LSI tal-2020 (skont id-*data* pprovduta mill-NRAs).

Dan irrappreżenta progress konsistenti fl-ippjanar tar-riżoluzzjoni tal-LSI meta mqabbel mas-snin preċedenti (17.6 % fl-2017, 51.7 % fl-2018 u 85.3 % fl-2019). Minbarra ż-żieda kwantitattiva, il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-LSIs innotifikati mill-NRAs fl-RPC tal-LSI tal-2020 ipprovdew analiżi u operazzjonalizzazzjoni aktar fil-fond, li jippermettu lill-SRB itejjeb l-għarfien u l-għarfien espert tiegħu tal-LSIs. Dan it-titjib kien partikolarment evidenti għall-abbozzi tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-LSI li jirrappreżentaw kriterji sussegwenti tal-pjanijiet notifikati qabel.

Min-numru totali ta' abbozzi ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni nnotifikati lill-SRB fis-sena kalendarja 2020, 35 ipprevedew xenarju ta' riżoluzzjoni (12-il abbozz ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni għall-RPC tal-LSI tal-2019 u 23 pjan għall-RPC tal-LSI tal-2020). Sa tmiem l-RPC tal-LSI tal-2020, skont l-istimi tal-NRAs, l-SRB jistenna li jirċievi notifiki ta' 37 pjan ieħor li jipprevedu riżoluzzjoni bħala l-istrateġija ppreferuta, li jammontaw għal 60 pjan ta' riżoluzzjoni fl-RPC tal-2020, jew 3.0 % tal-LSIs globali koperti mill-ippjanar tar-riżoluzzjoni fl-RPC tal-2020.

[16] Ħlief għal LSIs transfruntiera, li, ipprovduti mill-Artikolu 7(2)(b) tal-SRMR, huma entitajiet taħt il-mandat dirett tal-SRB.

**Tabella 2:** Ippjanar tar-riżoluzzjoni tal-LSI fl-2020 (kemm il-RPCs tal-LSI tal-2019 kif ukoll tal-2020)

| | Numru totali ta' abbozzi ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni nnotifikati fis-sena kalendarja 2020 | Pjanijiet innotifikati fl-2020 fir-rigward tal-RPC tal-2019 | Pjanijiet innotifikati fl-2020 fir-rigward tal-RPC tal-2019 | Pjanijiet fir-rigward tal-RPC tal-2020 nnotifikati fi Q1 tal-2021 | Pjanijiet skont l-obbligi simplifikati nnotifikati u adottati f'RPCs preċedenti li jibqgħu validi għall-RPC tal-2020 | L-għadd totali ta' LSIs li għandhom jiġu koperti mill-ippjanar tar-riżoluzzjoni, mill-1 ta' Jannar 2020 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | *A (B+C)* | *B* | *C* | *D* | *E* | *F* |
| Il-Bulgarija | - | - | - | 9 | - | 13 |
| Il-Belġju | - | - | - | 13 | - | 15 |
| Il-Ġermanja | 3 | - | 3 | 13 | 1 153 | 1 336 |
| L-Estonja | 4 | - | 4 | 1 | - | 6 |
| L-Irlanda | 4 | - | 4 | 2 | 5 | 11 |
| Il-Greċja | 5 | - | 5 | 4 | - | 11 |
| Spanja | 17 | - | 17 | 13 | 25 | 55 |
| Franza | 33 | - | 33 | - | 38 | 71 |
| Il-Kroazja | 11 | - | 11 | 3 | - | 14 |
| L-Italja | 89 | 23 | 66 | 16 | 37 | 128 |
| Ċipru | 10 | 5 | 5 | - | - | 5 |
| Il-Latvja | 5 | 1 | 4 | 3 | 3 | 10 |
| Il-Litwanja | 1 | - | 1 | 2 | - | 9 |
| Il-Lussemburgu | 26 | 19 | 7 | 18 | 16 | 43 |
| Malta | 12 | 12 | - | 11 | 4 | 15 |
| In-Netherlands | 1 | - | 1 | - | 22 | 23 |
| L-Awstrija | 413 | - | 413 | - | - | 413 |
| Il-Portugall | 7 | 3 | 4 | 4 | 14 | 22 |
| Is-Slovenja | 4 | 4 | - | 5 | - | 5 |
| Is-Slovakkja | 8 | 5 | 3 | 2 | 1 | 6 |
| Il-Finlandja | 8 | - | 8 | - | 1 | 9 |
| **Total** | **661** | **72** | **589** | **119** | **1 319** | **2 220** |

| | |
|---|---|
| **Notifiki tal-RPC tal-2020** (attwali u mistennija) *(C+D)* | **708** |
| **Kopertura tal-RPC tal-2020** *(C+D+E)* | **2 027** |

17 Jirreferi għall-abbozzi tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni li għandhom jiġu nnotifikati fit-tieni u fit-tielet kwart tal-2021 peress li l-RPC fil-Bulgarija għadha mhijiex sinkronizzata bis-sħiħ mal-RPC tal-SRB.

**2. METODI TA' ĦIDMA MTEJBA GĦAS-SORVELJANZA TA' ISTITUZZJONIJIET TA' KREDITU INQAS SINIFIKANTI FIL-MEKKANIŻMU UNIKU TA' RIŻOLUZZJONI**

Skont il-gwida li waslet mis-Sessjoni Plenarja tal-SRB tad-19 ta' Ġunju 2019, il-persunal tal-SRB, f'kollaborazzjoni mal-NRAs kollha, ħadem fuq l-ewwel sett ta' linji gwida dwar is-sorveljanza tal-LSI biex jiżgura prattiki tal-ippjanar tar-riżoluzzjoni allinjati għal-LSIs madwar l-Unjoni Bankarja. Skont l-Artikolu 5(a) tal-Qafas ta' Kooperazzjoni, l-SRB adotta l-Linji Gwida tal-LSI f'Awwissu 2020. L-għan primarju tal-Linji Gwida tal-LSI huwa li tiġi żgurata konverġenza f'oqsma ewlenin tal-ippjanar tar-riżoluzzjoni tal-LSI, filwaqt li jitqiesu wkoll il-karatteristiċi speċifiċi għall-pajjiż, bħall-karatteristiċi tas-setturi bankarji nazzjonali.

L-SRB jiddependi minn għodod u proċeduri żviluppati f'kooperazzjoni mal-NRAs biex jiżgura l-prestazzjoni mingħajr xkiel tar-rwol tiegħu ta' sorveljanza tal-LSIs. Abbażi tal-informazzjoni riċevuta mill-NRAs, l-SRB iżomm Sistema ta' Twissija Bikrija tal-LSIs b'informazzjoni dwar LSIs li jiffaċċjaw sinjali ta' deterjorament finanzjarju. Din l-għodda tippermetti li l-SRB jissorvelja mill-qrib u jħejji għall-valutazzjoni f'waqtha ta' abbozzi ta' miżuri ta' kriżi possibbli. Għal dan il-għan, fl-2020, l-SRB u l-NRAs tejbu l-kooperazzjoni tagħhom bl-għan li jiżguraw aġġornamenti f'waqthom u kwalità għolja tal-informazzjoni skambjata.

# 1.4. Spezzjonijiet fuq il-post

Fl-2020, l-SRB beda jiżviluppa qafas intern għall-ispezzjonijiet fuq il-post (OSIs) biex jiżgura l-progress tal-banek fir-rigward tar-riżolvibbiltà filwaqt li jkompli jarrikkixxi l-pjanijiet ta' riżoluzzjoni. Għal dak il-għan, l-SRB ħoloq Task Force[18], li żviluppat materjal għal proġetti pilota għal għadd limitat ta' banek u dwar għażla ta' suġġetti: MREL, kontinwità operazzjonali (OCIR), rapportar tal-LDR u kontribuzzjonijiet tal-SRF. Tali żjarat limitati fuq il-post għandhom jitwettqu mill-IRTs rilevanti matul l-RPC tal-2021 u gradwalment jibnu l-għarfien espert tal-SRB u r-riżorsi meħtieġa, u b'hekk iwittu t-triq għat-twettiq ta' spezzjonijiet sħaħ fuq il-post.

[18] It-Task Force tal-OSI tal-SRB se tippreżenta l-linji gwida profondi tagħha fil-livelli ta' CORES u tas-Sessjoni Plenarja fl-2021, fejn l-NRAs huma mistennija jikkontribwixxu f'termini ta' riżorsi u appoġġ metodoloġiku.



# 2 Qafas ta' riżoluzzjoni



**Minkejja l-pandemija tal-Covid-19, jew pjuttost minħabba fiha, it-titjib ulterjuri ta' qafas ta' riżoluzzjoni b'saħħtu baqa' prijorità ewlenija fl-2020. L-SRB ikkontribwixxa għal din il-missjoni b'mod doppju: l-ewwel nett billi jiġi stabbilit l-hekk imsejjaħ proċess ta' ppjanar ta' riżoluzzjoni ta' "statiċità" fi żmien 12-il xahar, u t-tieni billi jikkoopera u jiskambja mill-qrib mal-korpi rilevanti tal-UE, l-awtoritajiet nazzjonali u l-atturi internazzjonali ewlenin fi kwistjonijiet ta' riżoluzzjoni.**

# 2.1. Għodod u politiki

F'konformità mal-prijoritajiet ta' politika tal-SRB għall-2020, l-SRB kompla jaħdem fuq l-iżvilupp u t-titjib ulterjuri ta' għadd ta' dokumenti ta' politika esterni u interni, li jispjega l-approċċ konsistenti tal-SRB għall-ippjanar tar-riżoluzzjoni u għandu l-għan li jipprovdi aktar ċarezza dwar kwistjonijiet relatati mar-riżoluzzjoni lill-industrija bankarja u lill-pubbliku ġenerali.

### 1. VALUTAZZJONI TAL-INTERESS PUBBLIKU (PIA)

Il-PIA (valutazzjoni tal-interess pubbliku) hija element ewlieni fid-deċiżjoni dwar jekk huwiex fl-interess pubbliku li tiġi riżolta istituzzjoni u jekk ir-riżoluzzjoni hijiex ir-riżultat preferut meta mqabbel mal-likwidazzjoni ta' istituzzjoni skont proċedimenti normali ta' insolvenza (NIP) jekk tkun qed tfalli jew x'aktarx tfalli. Il-valutazzjoni tqabbel l-eżitu previst skont l-NIP applikabbli mal-istrateġija ta' riżoluzzjoni ppreferuta (PRS) identifikata għal istituzzjoni partikolari.

L-2020 intlaqtet mill-pandemija tal-Covid-19, b'konsegwenzi sinifikanti għall-ekonomija u għall-banek li x'aktarx jibqgħu jeżistu għas-snin li ġejjin. Meta jiddeċiedi dwar ir-riżoluzzjoni jew l-insolvenza għal bank inadempjenti, l-SRB iqis iċ-ċirkostanzi idjosinkratiċi u sistemiċi fil-punt tal-falliment ta' bank, li jipprovdi l-flessibbiltà li jitqiesu kif xieraq iċ-ċirkostanzi ekonomiċi f'dak il-mument. Madankollu, iċ-ċirkostanzi attwali jissottolinjaw il-ħtieġa li jitqiesu, fit-twettiq tal-PIA, iċ-ċirkostanzi makroekonomiċi u tas-suq għal falliment ta' bank, b'mod partikolari meta ssir valutazzjoni skont l-objettivi tal-prevenzjoni tal-instabbiltà finanzjarja u tal-preservazzjoni tal-kontinwità tal-funzjonijiet li huma kritiċi għall-ekonomija reali. Dan huwa partikolarment importanti fi żmien fejn l-SRB iħejji għall-iżvilupp potenzjali tal-impatt tal-Covid-19 fuq l-ekonomija u l-banek.

### 2. ASPETTATTIVI GĦALL-BANEK (EFB)

Fl-1 ta' April 2020, l-SRB ippubblika l-EfB tiegħu, li huwa d-dokument ewlieni ta' referenza għall-banek biex gradwalment jibnu, skont il-gwida tal-SRB, il-kapaċitajiet tagħhom biex juru li huma riżolvibbli sa mhux aktar tard mill-2023 f'kull wieħed mill-oqsma li l-aktar li jħallu impatt fuq l-eżekuzzjoni b'suċċess tal-istrateġiji ta' riżoluzzjoni tagħhom. L-EfB inkluda fil-fażi ta' introduzzjoni tiegħu fil-pjan direzzjonali għall-operazzjonalizzazzjoni ta' tali kapaċitajiet, imfassal fi djalogu bejn l-IRTs u l-banek permezz ta' prijoritajiet komuni u speċifiċi għall-banek, riflessi fl-"ittri ta' prijorità" annwali lill-banek. Dawn il-prijoritajiet ta' ħidma jservu bħala bażi għat-twettiq tal-eżerċizzju annwali tar-riżolvibbiltà.

Fir-rigward tal-aspettattivi prijoritizzati fl-2020, l-SRB ħareġ gwida operazzjonali addizzjonali fis-sajf tal-2020, u pprovda aktar kjarifiki dwar kif għandhom jiġu implimentati aspettattivi speċifiċi fl-oqsma tal-eżekuzzjoni tar-rikapitalizzazzjoni interna, il-kontinwità operazzjonali u l-aċċess għall-FMIs. L-SRB issorvelja l-progress tal-banek f'dawn l-oqsma matul l-RPC tal-2020. Fit-triq 'il quddiem, l-SRB se jissorvelja b'mod konsistenti l-aderenza tal-banek mal-prijoritajiet tal-programm ta' ħidma pluriennali tagħhom żviluppati f'konformità mal-EfB.

### 3. POLITIKA TAL-MREL

Fi Frar 2020, l-SRB nieda l-ewwel konsultazzjoni pubblika tiegħu mal-partijiet ikkonċernati dwar il-politika tal-MREL tiegħu li timplimenta l-bidliet leġiżlattivi introdotti mill-Pakkett Bankarju. Wara din il-konsultazzjoni, l-SRB ippubblika fl-20 ta' Mejju 2020 il-Politika tal-MREL tiegħu u Dikjarazzjoni

ta' Feedback[19] dwar il-kummenti ewlenin tal-industrija li waslu fil-konsultazzjoni.

Il-Politika tistabbilixxi l-approċċ tal-SRB għad-deċiżjonijiet tal-MREL fl-RPC tal-2020, bl-ewwel mira intermedja vinkolanti tal-MREL għall-konformità sal-1 ta' Jannar 2022 u l-mira finali tal-MREL li għandha tintlaħaq sal-1 ta' Jannar 2024. Id-deċiżjonijiet tal-SMR2 MREL jissostitwixxu d-deċiżjonijiet tal-SMR1 MREL preċedenti adottati fl-RPCs tal-2018 u tal-2019. Dawn ir-rekwiżiti l-ġodda tal-MREL huma bbażati fuq *data* tal-aħħar tal-2019, b'xi riżervi kapitali aġġornati bħala konsegwenza tal-miżuri tal-Covid-19 meħuda mill-awtoritajiet superviżorji.

Fit-8 ta' Jannar 2021, l-SRB ippubblika fuq is-sit web tiegħu żewġ dokumenti dwar l-eliġibbiltà tal-obbligazzjonijiet irrapportati għall-MREL li għandhom l-għan li: (i) jipprovdu lill-SRB b'assigurazzjoni addizzjonali dwar l-eliġibbiltà tal-obbligazzjonijiet irrapportati; u (ii) irawmu r-responsabbiltà tal-banek għall-obbligazzjonijiet li jirrapportaw bħala eliġibbli għall-MREL.[20]

Barra minn hekk, fit-18 ta' Diċembru 2020 l-SRB ippubblika Komunikazzjoni[21] fuq is-sit web tiegħu, li tinforma lill-banek taħt il-mandat tiegħu dwar il-bidliet regolatorji (id-dħul fis-seħħ tal-SRMR2 u l-RTS futura tal-EBA) li jwasslu għal espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni attwali tal-obbligazzjonijiet soġġetti għar-reġim ta' permess minn qabel għal tifdija qabel iż-żmien ta' strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli qabel il-maturità kuntrattwali tagħhom. Il-kamp ta' applikazzjoni estiż tar-reġim ta' permess tal-SRB, li ġie estiż għall-obbligazzjonijiet eliġibbli għall-MREL kollha, issa se jinkludi obbligazzjonijiet prijoritarji mhux garantiti u obbligazzjonijiet interni eliġibbli għall-MREL, u se japplika mill-1 ta' Jannar 2022.

## 4. KONTINWITÀ OPERAZZJONALI U AĊĊESS GĦALL-INFRASTRUTTURI TAS-SUQ FINANZJARJU (FMIs)

- L-SRB implimenta infrastruttura ġdida bbażata fuq il-cloud għal konferenzi remoti u sistema għall-firem elettroniċi; is-sigurtà tal-ICT effettivament iffaċċjat l-isfidi li jirriżultaw mill-forzi tax-xogħol li joperaw mill-bogħod.
- Ġie implimentat it-tieni rilaxx ta' **R4C**. Din l-applikazzjoni tippermetti kollaborazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati kollha matul sitwazzjoni ta' kriżi (eż. riżoluzzjoni ta' bank). L-applikazzjoni tappoġġja l-proċess operazzjonali u l-immaniġġjar ta' każijiet ta' kriżi fl-SRB sabiex jitħejja u jitwettaq immaniġġjar effettiv ta' kriżijiet.
- Ġie użat l-ewwel rilaxx ta' **FORA**. Din l-applikazzjoni tgħin lis-Segretarjat tal-SRB jimmaniġġja l-proċeduri bil-miktub tal-Bord fis-sessjonijiet Eżekuttivi Estiżi, Eżekuttivi u Plenarji tiegħu. L-applikazzjoni hija disponibbli kemm għal partijiet ikkonċernati interni (President, Viċi President, Membri tal-Bord permanenti) kif ukoll esterni (BĊE, Kummissjoni, EBA) u tippermettilhom jipprovdu r-rispons tagħhom (kunsens jew vot) direttament fis-sistema.
- It-tieni ħarġa tal-**Ġbir tad-*Data* dwar ir-Rapportar tar-Riżoluzzjoni** ġiet implimentata u hija lesta li tiġbor *data* dwar ir-responsabbiltà u l-Infrastrutturi tas-Suq Finanzjarju, il-Funzjonijiet Kritiċi u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar *data* ta' Riżoluzzjoni kif definit fil-Qafas ta' Rapportar EBA 2.10. Din id-*data* hija meħtieġa biex jiġu kkalkolati l-miri tal-MREL.

- Il-ħames ħarġa **tas-Sistema għall-Ġbir tal-Kontribuzzjonijiet** ġiet implimentata biex tinġabar il-formola tar-rapportar tad-*data*. Din id-*data* hija meħtieġa biex jiġu kkalkolati l-kontribuzzjonijiet lill-SRF li jistgħu jintużaw f'każ ta' riżoluzzjoni ta' bank.
- L-ewwel ħarġa tal-**Portal taċ-Ċertifikazzjoni tad-*Data*** ġiet implimentata, filwaqt li ġiet żgurata verifika tal-ġudizzju espert tad-*data* miġbura qabel ma din id-*data* tiddaħħal fil-maħżen virtwali tad-*data*. Il-Portal taċ-Ċertifikazzjoni tad-*Data* huwa wkoll l-interfaċċa biex tintbagħat *data* ta' riżoluzzjoni lill-EBA.
- Ġiet implimentata t-tieni ħarġa tal-**Maħżen Virtwali tad-*Data*** tal-SRB. Il-pjattaforma tiġbor *data* superviżorja u ta' riżoluzzjoni miġbura mill-NRAs u mill-BĊE. Il-Maħżen Virtwali tad-*Data* għandu l-għan li jsir is-sors uniku tad-*data* tal-SRB, li jippermetti lill-esperti kummerċjali jwettqu analiżi orizzontali.
- Il-maturità ġenerali **tal-infrastruttura tal-IT** inżammet. It-tieni ċentru tad-*data* ġie stabbilit biex ikollu riżerva effettiva u attiva f'każ ta' emerġenza. Dan it-tieni ċentru tad-*data* jintuża jew fl-ibbilanċjar tat-tagħbija jew fil-modalità ta' standby attiv, li jiżgura disponibbiltà għolja tal-applikazzjonijiet kollha.
- L-SRB żamm il-**ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni** tiegħu bl-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' sigurtà dokumentati (inklużi valutazzjonijiet tar-riskju) tas-sistemi kollha tal-SRB biex jimminimizza r-riskji għas-sigurtà tal-ICT. It-tmexxija ta' programm estiż ta' informazzjoni dwar l-intelligence dwar it-theddid ċibernetiku ppermettiet lill-SRB jidentifika d-dgħufijiet, itejjeb il-pożizzjoni tas-sigurtà ġenerali tiegħu u jibqa' intatt mit-theddid ċibernetiku fl-2020.
- L-SRB tejjeb kontinwament is-Sistema ta' Ġestjoni tal-**Kontinwità tal-Operat** (BC) tiegħu u wettaq eżerċizzju ta' simulazzjoni. Is-soluzzjonijiet tal-BC implimentati fl-2019 – b'mod partikolari, infrastruttura effettiva għax-xogħol mill-bogħod disponibbli għall-persunal kollu – kienu effettivi matul il-pandemija.



# 5.2. Komunikazzjoni

Fl-2020, l-SRB kompla jżid il-viżibbiltà u l-għarfien b'approċċ proattiv għall-komunikazzjoni, bħat-tnedija ta' serje ta' blog, li kkomunikat il-pożizzjoni tagħna dwar l-impatt tal-kriżi tal-pandemija tal-Covid-19 u suġġetti rilevanti oħra.

- Il-Konferenza Annwali tal-SRB, li saret fit-8 ta' Ottubru 2020 f'format ibridu, ġibdet aktar minn 5 000 telespettatur. Ir-rappurtar mill-istampa potenzjalment laħaq 15-il miljun ruħ. L-SRB organizza jew ospita wkoll għadd ta' avvenimenti oħra b'suċċess.
- B'mod ġenerali, ir-riżultati juru titjib fil-kanali kollha. Ir-rappurtar mill-istampa żdied f'dan il-perjodu (żieda ta' 44 % fuq l-2019) u s-segwaċi fuq Twitter żdiedu bi kważi żewġ terzi sa 4 872.
- Il-Forum tal-Komunikazzjoni tal-SRM, li jlaqqa' flimkien esperti tal-komunikazzjoni mill-SRB, mill-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni u mill-BĊE, żamm il-ħidma tiegħu f'kuntest mill-bogħod, u pproduċa għadd ta' għodod u qasam l-esperjenzi, b'mod partikolari t-tagħlimiet meħuda mis-sessjoni ta' prattika tal-2019.
- Fil-komunikazzjoni interna, tnediet b'suċċess il-pjattaforma tal-intranet tal-SRB, ICE, li tinkludi aħbarijiet, *who is who* u diversi siti għal unitajiet u suġġetti. Taqsima ddedikata għall-Covid-19 żammet il-persunal infurmat bl-iżviluppi. Saru wkoll għadd ta' stħarriġiet tal-persunal, u saret l-ewwel laqgħa muniċipali online.
- It-tim kompla wkoll jiżviluppa komunikazzjonijiet ta' prontezza għall-kriżi, filwaqt li tejjeb għadd ta' mudelli u proċessi, inkluż bħala parti minn żewġ eżerċizzji ta' sessjoni ta' prattika.

# 5.3. Ġestjoni tar-riżorsi

## 5.3.1. Riżorsi umani

Għat-tim tar-riżorsi umani, ir-reklutaġġ ta' persunal bi kwalifiki għolja biex jipprovdi bażi solida ta' forza tax-xogħol għall-SRB kemm fl-oqsma operazzjonali kif ukoll f'dawk ta' appoġġ baqa' fil-qalba tal-attivitajiet tar-riżorsi umani fl-2020. Wara t-tifqigħa tal-pandemija tal-Covid-19, id-dipartiment tar-riżorsi umani adatta mingħajr xkiel il-proċessi tiegħu fl-oqsma kollha u mexxa l-proċess ta' reklutaġġ tiegħu kompletament online.

Tkompliet il-ħidma dwar it-tlestija tal-qafas legali, il-politiki u l-forniment ta' servizzi tar-riżorsi umani fl-oqsma tat-tagħlim u l-iżvilupp tal-karriera u l-appoġġ amministrattiv, filwaqt li jiġi żgurat appoġġ adegwat tal-persunal għal organizzazzjoni żagħżugħa u li qed tikber malajr

Barra minn hekk, id-dipartiment tar-riżorsi umani beda jaħdem fuq ir-ristrutturar tat-tim tiegħu, bil-għan li jappoġġja aħjar l-organizzazzjoni fil-qasam tal-involviment tal-persunal u ż-żamma tat-talent. Il-proġett se jkompli fl-2021 u se jintroduċi serje ta' inizjattivi fil-qasam tal-ġestjoni tat-talent, l-involviment tal-persunal u ż-żamma tal-persunal.

### 1. REKLUTAĠĠ INTENSIV

Minbarra r-reklutaġġ minn listi ta' riżerva eżistenti, l-SRB nieda jew iffinalizza 14-il għażla ġdida għal persunal temporanju fl-2020. L-SRB wettaq b'suċċess żewġ kampanji għall-pożizzjonijiet ta' maniġment intermedju fil-Kunsill Ġenerali u fil-Kap

tas-Segretarjat ta' Unità tal-SRB, u kompla jistabbilizza l-istruttura ta' ġestjoni tal-organizzazzjoni. Barra minn hekk, l-SRB wettaq żewġ għażliet kbar għall-profili ta' Espert u Segretarju tar-Riżoluzzjoni tal-Bank Dan ippermetta lill-SRB jilqa' miegħu 53 impjegat ġdid fl-2020. Barra minn hekk, tliet Membri ġodda tal-Bord Permanenti ġew milqugħa u 33 membru tal-persunal ħallew l-Aġenzija. Bl-esklużjoni tas-sitt Membri permanenti tal-Bord, in-numru ta' persunal tal-SRB ammonta għal 372 persunal temporanju u 19-il SNE. Din hija żieda ta' 6.4 % meta mqabbla mal-2019 u tikkorrispondi għal 93 % tal-400 persunal temporanju ppjanat. 12-il ingaġġ ieħor kien għadu għaddej fi tmiem l-2020, bil-wasliet tagħhom mistennija fl-ewwel kwart tal-2021. Ir-rata ta' dawran tal-impjegati għas-sena kienet tammonta għal 9 %.

**2. TAĦRIĠ**

Fl-2020, minħabba t-tifqigħa tal-Covid-19, l-SRB kellu jirrevedi u jadatta l-offerta ta' taħriġ tiegħu għaċ-ċirkostanzi kkawżati mill-pandemija. Fi żmien qasir, filwaqt li waqqaf inizjattivi ta' żvilupp tat-tim minn Marzu, l-SRB offra lill-persunal tiegħu taħriġ intern online. B'kollox, ġew offruti 155 sessjoni ta' taħriġ intern lill-persunal, li jkopru ħiliet tekniċi, personali u tal-IT. Il-kooperazzjoni mill-qrib mal-unitajiet tan-negozju rriżultat f'offerta ta' taħriġ b'suċċess b'rata għolja ta' sodisfazzjon.

**3. AMMINISTRAZZJONI**

Ir-rapportar tal-ġestjoni tar-riżorsi umani, l-ippjanar u l-eżekuzzjoni tal-baġit komplew jissaħħu.

**4. QAFAS LEGALI U POLITIKI TAR-RIŻORSI UMANI**

Id-dokumenti ta' referenza prinċipali tal-SRB f'termini tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persunal huma r-Regolamenti tal-Persunal tal-UE u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea (CEOS). Fl-2020, l-SRB kompla jikkomplementa l-ħidma fil-qasam tar-riżorsi umani billi adotta b'analoġija d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar



il-Liv u dwar it-trasferiment tad-drittijiet tal-pensjoni.

## 5.3.2. Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

Din it-taqsima tkopri l-attivitajiet relatati mal-ġestjoni finanzjarja ġenerali tal-SRB u l-ippjanar u r-rappurtar finanzjarju tiegħu. Hija tkopri wkoll is-superviżjoni u s-salvagwardja tal-operazzjonijiet korretti tal-implimentazzjoni tal-baġit, kif ukoll l-operazzjonijiet tal-kontabbiltà u tat-teżor. Barra minn hekk, it-tim tal-finanzi u tal-akkwisti jiġġestixxi u jagħti pariri dwar it-tħejjija, il-bidu, ir-rapportar u l-pubblikazzjoni tal-azzjonijiet ta' akkwist tal-SRB.

Min-naħa tad-dħul, l-ammont ta' EUR 117.8 miljun ġie rikonoxxut bħala introjtu sal-livell tal-ispejjeż tal-2020.

Min-naħa tan-nefqa, skont it-tabella tal-implimentazzjoni tal-baġit u wara t-trasferimenti, ġew attribwiti EUR 50 miljun għall-persunal, EUR 13.34 miljun għal spejjeż amministrattivi oħra (kera, appoġġ tal-ICT, eċċ.) u EUR 54.4 miljun għall-ispejjeż operazzjonali (ara l-Anness 3).

## 1. INTROJTU

F'konformità mal-Artikolu 65 tal-SRMR, l-SRB għandu jiġbor kontribuzzjonijiet mill-istituzzjonijiet kollha li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-SRMR, sabiex ikopri l-infiq amministrattiv tiegħu.

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/2361[30] dwar is-sistema finali ta' kontribuzzjonijiet għall-infiq amministrattiv tal-SRB ifforma l-bażi ġuridika għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet amministrattivi mill-2018.

Il-kontribuzzjonijiet amministrattivi annwali totali miġbura b'suċċess għas-sena finanzjarja 2020 ammontaw għal EUR 67.3 miljun[31]. Inħarġu avviżi ta' kontribuzzjoni lil 2 372 istituzzjoni: 2 246 LSI u 126 SI u gruppi transfruntiera.

## 2. NEFQA

In-nefqa tal-baġit tinkludi pagamenti li saru bl-użu ta' approprjazzjonijiet tas-sena attwali u approprjazzjonijiet riportati mis-sena finanzjarja preċedenti. Il-paragrafi li ġejjin jiġbru fil-qosor l-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet skont it-titolu. Fl-Anness 3 tingħata analiżi aktar dettaljata.

Fl-2020, l-SRB stabbilixxa 355 impenn baġitarju li jammontaw għal total ta' EUR 81.6 miljun fil-PARTI I tal-baġit, u EUR 148.2 miljun fil-PARTI II, u pproċessa 1 504 pagament (mill-approprjazzjonijiet ta' pagament tal-2020) li jammontaw għal total ta' EUR 70.4 miljun fil-PARTI I u EUR 96.3 miljun fil-PARTI II. Ir-rata ta' implimentazzjoni tal-baġit tal-2020 hija ta' 69.3 % għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u 59.8 % għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

Barra minn hekk, 296 pagament, li jammontaw għal EUR 3.1 miljun, ġew ipproċessati fl-2020 bl-użu tal-approprjazzjonijiet ta' pagament riportati mill-2019. Għall-2021, l-ammont ta' approprjazzjonijiet riportati huwa ta' EUR 2.5 miljun.

### TITOLU 1: NEFQA GĦALL-PERSUNAL

Il-baġit finali (wara t-trasferimenti) għat-Titolu 1 fl-2020 kien ta' EUR 50 miljun, li minnhom EUR 46.3 miljun ġew impenjati (rata ta' implimentazzjoni ta' 92.5 %). L-ammont finali ta' approprjazzjonijiet ta' pagament użati kien ta' EUR 45.9 miljun, li jikkorrispondi għal rata ta' implimentazzjoni ta' 99.2 % tat-total impenjat.

Il-qasam ewlieni tan-nefqa relatata mal-persunal tal-SRB f'impjieg attiv. Intefqu EUR 42.4 miljun fuq il-pagi (salarji bażiċi, benefiċċji tal-familja, espatrijazzjoni, allowances ta' installazzjoni u ta' residenza barranija, assigurazzjoni, drittijiet għall-pensjoni, eċċ.). Intefqu EUR 0.9 miljun fuq servizzi interim u EUR 0.9 miljun fuq ċentri għat-tfal żgħar u fuq l-iskola.

### TITOLU 2: NEFQA GĦALL-INFRASTRUTTURA

Il-baġit finali (wara t-trasferimenti) għat-Titolu 2 fl-2020 kien ta' EUR 13.3 miljun. Matul is-sena, ġie impenjat total ta' EUR 12.5 miljun, li jikkorrispondi għal rata ta' implimentazzjoni ta' 93.5 %. L-ammont finali ta' approprjazzjonijiet ta' pagament użati kien ta' EUR 10.4 miljun, li jikkorrispondi għal rata ta' implimentazzjoni ta' 83.7 % tat-total impenjat.

L-oqsma ewlenin tan-nefqa kienu l-infrastruttura tal-ICT (EUR 3.8 miljun), il-kiri tal-binja tal-SRB (EUR 3.1 miljun), u s-sigurtà u l-manutenzjoni tal-binja tal-SRB (EUR 1.6 miljun).

---

30 Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/2361 tal-14 ta' Settembru 2017 dwar is-sistema finali ta' kontribuzzjonijiet għall-infiq amministrattiv tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, ĠU L 337, 19 ta' Diċembru 2017, p. 6. Dan l-ammont iqis ir-riżultat tal-baġit tal-aħħar sena finanzjarja li għaliha ġew ippubblikati l-kontijiet finali (Y-2).

31 Dan l-ammont iqis ir-riżultat tal-baġit tal-aħħar sena finanzjarja li għaliha ġew ippubblikati l-kontijiet finali (Y-2).

**TITOLU 3: NEFQA OPERAZZJONALI**

It-Titolu 3 huwa esklussivament għan-nefqa operazzjonali relatata mal-implimentazzjoni tal-SRMR. Il-baġit finali (wara t-trasferimenti) għall-2020 kien ta' EUR 54.4 miljun.

Matul l-2020, ġie impenjat ammont ta' EUR 22.9 miljun, li jikkorrispondi għal rata ta' implimentazzjoni ta' 42.05 %. L-ammont finali ta' approprjazzjonijiet ta' pagament użati kien ta' EUR 14,1 miljun, li jikkorrispondi għal rata ta' implimentazzjoni ta' 61.8 % tat-total impenjat.

L-implimentazzjoni ġenerali tal-baġit fl-operazzjonijiet tal-SRB tal-Kapitolu 31 hija aktar baxxa milli ppjanat minħabba numru ta' fatturi. Minn naħa, il-pandemija tal-Covid-19 ikkawżat numru ta' kanċellazzjonijiet jew differimenti ta' attivitajiet ippjanati, bħal avvenimenti kbar li kellhom jiġu kkanċellati u xi proġetti tal-IT li kellhom jiġu posposti għall-2021 peress li kien hemm diffikultajiet biex jinkisbu r-riżorsi meħtieġa. Min-naħa l-oħra, fil-qasam tal-iżvilupp tal-applikazzjoni tal-IT twettqu numru ta' kisbiet ta' kosteffiċjenza billi ntużaw l-infrastruttura u l-kapaċitajiet tekniċi eżistenti tal-IT, li jeħtieġu inqas xiri f'dan il-qasam milli kien ippjanat oriġinarjament fil-baġit.

Peress li n-natura tal-attivitajiet skont il-Kapitolu 32 (Kontinġenzi)[32] hija tali li l-implimentazzjoni hija aktar diffiċli biex tiġi prevista mill-entrati l-oħra tan-nefqa, l-implimentazzjoni ġenerali tal-baġit skont dan il-Kapitolu ntemmet ukoll aktar baxxa milli ppjanat. L-implimentazzjoni baxxa tal-baġit hija dovuta għal infiq baxx f'servizzi ta' konsulenza professjonali u konsulenza esperta, peress li l-SRB kellu jimmaniġġja inqas każijiet potenzjali ta' riżoluzzjoni u ta' litigazzjoni milli kien antiċipat.

L-oqsma ewlenin tan-nefqa skont dan it-Titolu kienu relatati ma' studji u konsulenza (jiġifieri l-kontinġenzi tal-SRB) għall-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma tal-SRB, is-servizzi legali u l-litigazzjoni, l-iżvilupp tal-ICT u ż-żamma ta' soluzzjonijiet operazzjonali tal-IT, b'mod partikolari biex jappoġġjaw l-ippjanar tar-riżoluzzjoni u l-attivitajiet ta' deċiżjoni, u l-ispejjeż tal-esternalizzazzjoni tal-investimenti.

## 3. EŻITU TAL-BAĠIT

L-eżitu tal-baġit għall-2020[33] huwa stmat li hu EUR 45.4 miljun (EUR 59.3 miljun fl-2019) u se jiddaħħal fil-baġit tal-2021 wara approvazzjoni mill-Bord fis-Sessjoni Plenarja tiegħu f'Settembru 2021. L-eżitu tal-baġit se jitnaqqas mill-kontribuzzjonijiet amministrattivi li għandhom jinġabru fis-sena N+2.

**KISBIET EWLENIN FL-2020**

- Wera aġilità biex ilaħħaq maċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mill-pandemija tal-Covid-19.
- It-tranżizzjoni b'suċċess għall-ipproċessar mingħajr karti tat-tranżazzjonijiet finanzjarji kollha.
- Ir-rata ta' eżekuzzjoni tal-baġit, f'termini ta' ħlas kontra l-baġit finali, tjiebet fl-2020 b'10.8 %, li hija ogħla mill-mira ta' 10 % (KPI 19: Titjib minn sena għal sena tar-rata ta' eżekuzzjoni tal-baġit, minbarra l-kontinġenzi tal-Kapitolu 32 tal-SRB).
- 97.4 % tal-pagamenti saru fil-ħin (99 % fl-2019), u kisbu l-indikatur ewlieni tal-prestazzjoni tal-2020 "Il-ħlas f'waqtu tal-mira tal-fatturi 97 %" (KPI 17);

[32] In-natura tal-missjoni tal-SRB hija kkaratterizzata minn livell għoli ta' inċertezza. Biex dan jiġi indirizzat, inħoloq il-Kapitolu 32 "Kontinġenzi tal-SRB". Dan il-kapitolu huwa maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-ġestjoni ta' kawżi potenzjali ta' riżoluzzjoni u ta' litigazzjoni. L-infiq ikkonċernat la huwa rikorrenti u lanqas prevedibbli, u jiddependi ħafna fuq l-għadd ta' każijiet potenzjali li jseħħu f'sena partikolari. Madankollu, l-SRB dejjem jeħtieġ li jkun lest jimmaniġġja sitwazzjoni (potenzjali) ta' kriżi, u konsegwentement jeħtieġ li jiżgura d-disponibbiltà tal-fondi meħtieġa għal azzjonijiet ta' riżoluzzjoni effettivi u rapidi.

[33] Id-dettalji tal-eżitu/riżultat tal-baġit jistgħu jinstabu fil-kontijiet finali għall-2020 (ara l-Anness 6). Dawn se jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-SRB fit-tielet kwart tal-2021.

- L-implimentazzjoni b'suċċess tal-approprjazzjonijiet differenzjati fit-Titolu 3 introdotti fl-2020, fejn meħtieġ, għal raġunijiet operazzjonali u għal attivitajiet pluriennali.
- Fl-2020, 66.11 % (2019: 64.72 %) tal-ispejjeż amministrattivi tal-SRB kienu marbuta mal-persunal, filwaqt li 20.77 % (2019: 21.19%) kienu relatati ma' spejjeż amministrattivi sinifikanti oħra (kera u appoġġ tal-IT).
- Barra minn hekk, l-ispejjeż operatorji totali rrappreżentaw biss 4.21 % tal-kostijiet totali, tnaqqis ulterjuri mill-2019, meta l-kostijiet operatorji kienu ta' 12.92 % tal-kostijiet totali.

## 5.3.3. Kontijiet finali tal-2020

Il-kontijiet finali għall-2020 jirriflettu l-pożizzjoni finanzjarja tal-SRB fil-31 ta' Diċembru 2020, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu, il-flussi tal-flus tiegħu, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju tiegħu u mar-regoli tal-Kontabbiltà tal-UE adottati mill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Fi tmiem l-2020, wara l-ġbir ta' kontribuzzjonijiet *ex ante* , kontribuzzjonijiet amministrattivi u IPC, l-assi/obbligazzjonijiet totali żdiedu b'mod sinifikanti, minn EUR 32.93 biljun għal EUR 42.27 biljun. Iż-żieda fl-assi hija prinċipalment riflessa fiż-żieda fil-volum ta' flus kontanti miżmuma fil-banek (EUR 6.89 biljun) u ż-żieda netta fl-ammont totali investit f'assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ (EUR 2.43 biljun).

Il-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-SRF miġbura fl-2020 wasslu għal dħul ta' EUR 8.41 biljun. Wara t-tnaqqis tan-nefqa eliġibbli assoċjata taż-żamma ta' dawn il-fondi fil-kontijiet tal-bank ċentrali nazzjonali, ir-riżultat finanzjarju għas-sena kien ta' EUR 8.32 biljun, li żied l-assi netti tal-SRB għal EUR 37.63 biljun.

Fuq in-naħa amministrattiva tal-kontijiet finali tal-2020, l-SRB iffattura u ġabar EUR 68,85 miljun mill-istituzzjonijiet bankarji u uża l-fondi mhux minfuqa akkumulati f'perjodi finanzjarji preċedenti li jammontaw għal EUR 45.29 miljun. Sabiex jiġu bbilanċjati l-ispejjeż amministrattivi u operazzjonali totali għas-sena, id-dħul mill-kontribuzzjonijiet amministrattivi rikonoxxuti fl-2020 kien ta' EUR 82.27 miljun. B'riżultat ta' dan, ma hemm l-ebda assi netti li jirriżultaw mill-attivitajiet amministrattivi tal-SRB.

Fl-2020, 66.11 % (2019: 64.72 %) tal-ispejjeż amministrattivi tal-SRB kienu marbuta mal-persunal, filwaqt li 20.77 % (2019: 21.19 %) kienu relatati ma' spejjeż amministrattivi sinifikanti oħra (kera u appoġġ tal-IT). Barra minn hekk, fl-2020 l-ispejjeż operatorji totali rrappreżentaw biss 4.21 % tal-kostijiet totali, tnaqqis ulterjuri mill-2019 meta l-kostijiet operatorji rrappreżentaw 12.92 % tal-kostijiet totali.

Id-"Dikjarazzjoni tal-pożizzjoni finanzjarja" sal-31 ta' Diċembru 2020 u r-"Rapport tal-introjtu" għall-2020 jinsabu fl-Anness 6.

Ir-rapporti finanzjarji tal-SRB għall-2020 se jkunu disponibbli fuq is-sit web tal-SRB fit-tielet kwart tal-2021.

## 5.3.4. Akkwisti

Il-pjan ta' akkwist annwali tal-SRB għall-2020 tħejja skont id-dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-akkwist li jinsabu fir-Regolament Finanzjarju tal-UE. Meta mqabbel mal-pjan ta' akkwist inizjali, proċedura waħda ġiet ikkanċellata, peress li ttieħed approċċ differenti, filwaqt li proċedura ppjanata oħra ġiet posposta għall-2021.

Rendikont dettaljat tal-proċeduri ta' akkwist tal-2020 organizzati mill-SRB jista' jinstab fl-Anness 7, li jindika l-proċeduri li ngħataw u li kienu għadhom għaddejjin bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2020.

Minkejja d-diffikultajiet ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19, l-SRB seta' jikseb b'suċċess is-servizzi u l-oġġetti kollha meħtieġa mitluba mill-unitajiet differenti matul is-sena, bl-elementi ewlenin li ġejjin indikati hawn taħt:

- Tmien kuntratti qafas ingħataw b'suċċess għall-għoti ta' analiżi tar-rapporti finanzjarji u tal-pariri kontabilistiċi, wara proċedura miftuħa mnedija fl-2019;
- Erba' kuntratti ta' servizz ingħataw b'suċċess wara proċedura kompetittiva b'negozjati għall-għażla tal-banek għall-eżekuzzjoni ta' pagamenti f'EUR prinċipalment fi ħdan is-SEPA;
- Tnedew disgħa u erbgħin proċedura nnegozjata, filwaqt li reġgħu nbdew seba' proċeduri ta' kompetizzjoni skont l-SRB jew kuntratti Qafas Interistituzzjonali;
- Ingħata appoġġ kontinwu fuq diversi MtQ u ftehimiet dwar il-livell ta' servizz stabbiliti mal-Kummissjoni u entitajiet pubbliċi oħra;
- Saru sforzi kontinwi biex ikomplu jiġu diġitalizzati l-proċeduri tal-SRB, eż. l-ittestjar fuq l-użu ta' firem diġitali kwalifikati, li huma mmirati biex jintużaw b'mod aktar wiesa' fl-2021.

# 5.4. Governanza

## 5.4.1. Pariri legali interni u litigazzjoni

Is-Servizz Legali tal-SRB huwa dipartiment orizzontali intern tal-SRB li jirrapporta lill-Viċi President tal-SRB. Ir-rwol tas-Servizz Legali tal-SRB huwa doppju: (i) jipprovdi pariri legali interni lill-SRB fl-unitajiet kollha, u (ii) jimmaniġġja l-proċedimenti ta' litigazzjoni quddiem il-qrati Ewropej. Fir-rigward tar-rwol tas-Servizz Legali, huwa jassisti lill-SRB u l-unitajiet ta' riżoluzzjoni interna kollha tiegħu u dipartimenti oħra bħala dipartiment orizzontali intern li jipprovdi pariri legali u jkopri l-attivitajiet ewlenin u l-oqsma ta' responsabbiltà kollha tal-SRB.

Fl-2020, is-Servizz Legali tal-SRB kompla jipprovdi pariri legali interni, pereżempju, fl-oqsma ewlenin tal-ippjanar tar-riżoluzzjoni, it-twaqqif tal-MREL, il-politiki u l-manwali, l-azzjoni ta' riżoluzzjoni, kwistjonijiet dwar l-SRF, il-kooperazzjoni internazzjonali u interistituzzjonali u l-ġestjoni tar-riżorsi. Is-Servizz Legali tal-SRB ipprovda wkoll pariri relatati mal-implimentazzjoni tad-diversi emendi fil-qafas leġiżlattiv.

Fir-rigward tar-rwol tiegħu li jmexxi l-proċedimenti ta' litigazzjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, is-Servizz Legali huwa inkarigat li jirrappreżenta lill-SRB quddiem il-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja. Normalment, il-membri tas-Servizz Legali jinħatru aġenti għall-SRB. L-SRB jimpjega wkoll konsulent estern biex jassistih fil-litigazzjoni. Fir-rwol tiegħu bħala r-rappreżentant tal-SRB fil-qorti, is-Servizz Legali jabbozza u jħejji d-dikjarazzjonijiet bil-miktub meħtieġa mill-Qorti tal-Ġustizzja jew jissorvelja t-tħejjija ta' tali dokumenti minn avukat estern, u jħejji għas-seduti orali relatati. Il-kawżi ta' litigazzjoni pendenti quddiem il-qrati tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2020 jinkludu dawn li ġejjin:

1. Mija u sbatax-il azzjoni legali dwar id-deċiżjonijiet meħuda fil-kuntest tar-riżoluzzjoni tal-BPE mressqa mill-eks azzjonisti u kredituri tal-bank kontra, inter alia, l-SRB, huma pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja.

- Mitt kawża u waħda jikkonċernaw id-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni tal-SRB. Minn dawn, il-Qorti Ġenerali identifikat u għażlet sitt kawżi pilota, li minnhom l-SRB huwa

konvenut f'ħamsa (fis-sitt kawża l-SRB jaġixxi bħala intervenjent), sabiex jipproċedi għat-tieni rawnd ta' proċedura bil-miktub u seduta orali. Il-bqija tal-kawżi ġew sospiżi sakemm tittieħed deċiżjoni finali f'dawk is-sitt kawżi pilota. Waħda mis-sitt kawżi pilota ġiet iddikjarata bħala inammissibbli mill-Qorti Ġenerali u attwalment tinsab taħt appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja;

- Tliet kawżi jikkonċernaw id-deċiżjoni tal-SRB li ma jwettaqx valutazzjoni definittiva 2. Waħda minn dawn il-kawżi attwalment tinsab pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali. Iż-żewġ kawżi l-oħra ġew iddikjarati bħala inammissibbli mill-Qorti Ġenerali u attwalment jinsabu taħt appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.
- Seba' kawżi jikkonċernaw id-deċiżjoni tal-SRB li tiddetermina jekk jikkumpensax lill-azzjonisti u lill-krudituri affettwati. Kawża waħda ġiet iddikjarata inammissibbli mill-Qorti Ġenerali. Il-kawżi li jifdal bħalissa huma pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali;
- Ħames kawżi jikkonċernaw id-deċiżjonijiet tal-SRB skont l-aċċess pubbliku għad-dokumenti u/jew ir-reġim tal-aċċess għall-fajls skont ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 u r-Regolament (KE) Nru 1049/2001. Bħalissa huma pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali;
- Kawża waħda tressqet mill-SRB kontra deċiżjoni mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* li ssib li l-SRB kiser ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* fil-kuntest tal-proċess tad-"dritt li jiġi mismugħ" mwettaq bi tħejjija għad-deċiżjoni li tiddetermina jekk jikkumpensax lill-azzjonisti u lill-krudituri affettwati. Din il-kawża attwalment tinsab pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali.

2. Sitta u ħamsin azzjoni legali dwar il-kontribuzzjonijiet *ex ante* lill-SRF tressqu mill-banek kontra l-SRB. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ressqet appell wieħed u l-SRB ippreżenta tliet appelli kontra d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali relatati mal-kontribuzzjonijiet *ex ante*. B'mod iktar speċifiku:

- Ġew imressqa tnax-il azzjoni legali kontra d-deċiżjoni ta' kontribuzzjoni *ex ante* tal-2016. Waħda minnhom ġiet irtirata u tmien kawżi ġew miċħuda, li tnejn minnhom ġew appellati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Appell wieħed ġie miċħud mill-Qorti tal-Ġustizzja u l-appell l-ieħor bħalissa huwa pendenti. Fi tliet kawżi, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni sa fejn tikkonċerna lill-applikant. L-SRB sussegwentement adotta deċiżjoni ġdida dwar il-kontribuzzjoni *ex ante* tal-2016 fir-rigward ta' dawn it-tliet applikanti. L-istess tliet applikanti reġgħu kkontestaw id-deċiżjoni l-ġdida tal-2016 dwar il-kontribuzzjoni *ex ante* quddiem il-Qorti Ġenerali. Dawn it-tliet azzjonijiet legali bħalissa huma pendenti;
- Ġew imressqa tliet azzjonijiet legali kontra d-deċiżjoni ta' kontribuzzjoni *ex ante* tal-2017. F'Settembru 2020, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni sa fejn tikkonċerna lill-applikanti minħabba nuqqasijiet proċedurali u ksur tad-dmir li jiddikkjaraw ir-raġunijiet. Fil-kawża T-411/17[34], il-Qorti Ġenerali sabet ukoll b'mod inċidentali li r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/63 huwa parzjalment illegali, peress li l-metodoloġija stabbilita fil-qafas legali eżistenti, minn naħa, tirrikjedi li l-SRB jibbaża fuq id-*data* kunfidenzjali tal-istituzzjonijiet u, min-naħa l-oħra, jipprevjeni lill-SRB milli jiżvela tali *data*. Il-Kummissjoni u l-SRB ressqu appelli kontra din is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. L-SRB ippreżenta appell ukoll kontra ż-żewġ sentenzi l-oħra relatati mad-deċiżjoni tal-kontribuzzjoni *ex ante* tal-2017. L-erba' appelli bħalissa huma pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja;

34 Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Settembru 2020, *Landesbank Baden-Württemberg v Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, Kawża T-411/17, ECLI:EU:T:2015:435.

- Ġew imressqa ħames azzjonijiet legali kontra d-deċiżjoni ta' kontribuzzjoni *ex ante* tal-2018 u bħalissa huma pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali;
- Ġiet imressqa azzjoni waħda fir-rigward tar-rimborż ta' parti mill-kontribuzzjonijiet imħallsa fl-2018 u tal-kontribuzzjonijiet imħallsa fl-2015. Din l-azzjoni ġiet miċħuda mill-Qorti Ġenerali f'Jannar 2021;
- Ġew imressqa ħdax-il azzjoni legali kontra d-deċiżjoni ta' kontribuzzjoni *ex ante* tal-2019 li attwalment huma pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali;
- Ġew imressqa dsatax-il azzjoni legali kontra d-deċiżjoni ta' kontribuzzjoni *ex ante* tal-2020 li attwalment huma pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali.

3. Żewġ azzjonijiet legali li jikkonċernaw id-deċiżjoni tal-SRB li ma jadottax skema ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' ABLV Bank, AS, imressqa mill-bank innifsu u waħda mill-azzjonisti preċedenti tiegħu. Waħda mill-azzjonijiet legali ġiet iddikjarata inammissibbli mill-Qorti Ġenerali u bħalissa tinsab taħt appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. L-azzjoni legali l-oħra hija attwalment pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali.

4. Azzjoni legali waħda dwar id-deċiżjoni tal-SRB li ma jadottax skema ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' PNB Banka, imressqa mill-bank u xi wħud mill-azzjonisti tiegħu, hija pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali.

## 5.4.2. Segretarjat tal-SRB

Is-Segretarjat tal-SRB kompla jipprovdi gwida dwar il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-SRB u dwar kwistjonijiet ta' governanza. Huwa appoġġja ċ-ċiklu ta' ppjanar tar-riżoluzzjoni u l-proċessi relatati tat-teħid tad-deċiżjonijiet, inkluż iż-żamma ta' kuntatt mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni u istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE involuti fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-SRB. Barra minn hekk, l-SRB adotta Regoli ta' Proċedura riveduti għall-Bord fis-Sessjonijiet Plenarji u Eżekuttivi tiegħu, inkluż Kodiċi ta' Kondotta rivedut. B'mod ġenerali, is-Segretarjat organizza 41 laqgħa personali u 285 proċedura bil-miktub tal-Bord fil-kompożizzjonijiet differenti tiegħu. Barra minn hekk, huwa organizza 12-il Sessjoni Plenarja speċifika ddedikati għal kwistjonijiet relatati mat-tifqigħa tal-pandemija tal-Covid-19.

## 5.4.3. Konformità

Matul l-2020, l-SRB lesta r-ristrutturar tal-Funzjoni ta' Verifika tal-Konformità tiegħu, bit-twaqqif ta' tim indipendenti ġdid fid-Direttorat tal-President. It-tim il-ġdid jikkonsisti f'Uffiċjal għall-Etika u l-Konformità (ECO) maħtur mill-ġdid, appoġġjat minn żewġ membri ddedikati tal-persunal full-time.

Fl-2020, it-tim iffoka fuq ir-reviżjoni tal-Qafas dwar l-Etika u l-Konformità tal-SRB, inkluż Kodiċi ġdid ta' Etika, modernizzat biex jirrifletti l-prattiki istituzzjonali riċenti tal-UE u l-isfidi potenzjali ewlenin li qed jiffaċċja l-SRB hekk kif jilħaq il-maturità. Il-qafas itejjeb ir-rwol tal-ECO, b'sett ta' għodod usa' biex jitwettqu valutazzjonijiet tar-riskju u tiġi mmonitorjata l-konformità mar-regoli applikabbli. Sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar ir-regoli l-ġodda, it-tim żviluppa u nieda sensiela ta' kampanji u materjali innovattivi, online, adattati għas-sitwazzjoni tat-telexogħol minħabba l-pandemija tal-Covid-19, inklużi sessjonijiet ta' taħriġ online, hashtag u kampanji ta' kartelluni/strixxuni (online), mistoqsijiet frekwenti, bullettini/flashcards, riżorsi aġġornati fuq il-paġna tal-intranet tal-Konformità, u kwiżżijiet online.

It-Tim ta' Konformità tal-SRB ikkontribwixxa wkoll għar-reviżjoni ta' politiki oħra tal-SRB u kien responsabbli għat-twaqqif ta' għodda ġdida għall-Aġenda Pubblika tal-SRB.

Minbarra dawn il-flussi ta' ħidma, it-Tim il-ġdid ta' Konformità tal-SRB kompla jittratta aktar kompiti ta' kuljum, pereżempju: l-għoti ta'

pariri lill-persunal, lill-oqsma tal-ġestjoni u tan-negozju; l-adozzjoni ta' pożizzjonijiet ta' konformità fuq talbiet għal awtorizzazzjoni; it-twettiq ta' eżerċizzji ta' tiftix tal-fatti; il-monitoraġġ tar-rapportar tal-persunal u l-immaniġġjar tar-riskju ta' konformità Huwa jkun involut ukoll b'mod regolari mal-partijiet ikkonċernati rilevanti fil-kuntest tan-Network tal-Etika.

B'ħarsa 'l quddiem, l-UPD tal-SRB, bħala l-kontrollur tad-*data*, se jassisti lill-SRB bl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-EDPS dwar il-kwistjoni mistennija fl-2021.

Barra minn hekk, fl-2020 l-UPD kellu jikkoordina l-analiżi u r-rispons għall-EDPS rigward xi lmenti minn individwi esterni lill-EDPS.

## 5.4.4. Uffiċju tal-Protezzjoni tad-*Data*

Il-portafoll tal-2020 tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* tal-SRB u t-tim tagħha sa ċertu punt kienu għadu kkaratterizzat mill-bidliet regolatorji u mill-istandards imtejba introdotti bir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (GDPR) u r-Regolament (UE) 2018/1725, li dan tal-aħħar huwa applikabbli għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE. B'mod partikolari, ir-Regolament applikabbli jeħtieġ ċerti miżuri u salvagwardji ta' prekawzjoni fejn id-*data* personali tiġi ttrasferita lil pajjiżi terzi li mhumiex soġġetti għar-Regolament Ewropew u li ma joffrux standard regolatorju ekwivalenti dwar id-drittijiet u l-libertajiet ta' dawk li d-*data* personali tagħhom tkun qed tiġi pproċessata.

Għal dan il-għan, fl-2020 l-UPD tal-SRB ikkoordina l-eżerċizzju ta' mmappjar tal-SRB tat-trasferimenti ta' pajjiżi terzi u t-trasferimenti kollha lil organizzazzjonijiet internazzjonali wara t-talba mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (EDPS) indirizzata lill-istituzzjonijiet, lill-korpi u lill-aġenziji kollha tal-Unjoni Ewropea. L-UPD ipprovda gwida ġenerali u pariri individwali fuq talba dwar kif wieħed għandu jinterpreta u jikkonforma mal-ordni tal-EDPS biex jipprovdi informazzjoni dettaljata dwar l-attivitajiet ta' pproċessar ta' *data* personali tal-SRB li jinvolvu trasferimenti ta' *data* personali lil pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

## 5.4.5. Awditjar Intern

L-Awditjar Intern itejjeb u jipproteġi l-valur organizzazzjonali billi jipprovdi assigurazzjoni, pariri u għarfien ibbażati fuq ir-riskju u oġġettivi. Permezz tar-rapporti u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu, l-Awditjar Intern jgħin lill-SRB jilħaq l-objettivi tiegħu billi jġib approċċ sistematiku u dixxiplinat għall-evalwazzjoni u t-titjib tal-effettività tal-proċessi ta' ġestjoni, kontroll u governanza tar-riskju.

Il-mandat tal-funzjoni tal-awditjar intern tal-SRB huwa bbażat fuq l-SRMR, ir-Regolament Finanzjarju tal-SRB u l-karta tal-awditjar intern, li tiddefinixxi, fost l-oħrajn, il-prinċipji għall-indipendenza u l-oġġettività, ir-responsabbiltà u l-awtorità. F'konformità mal-karta, l-Awditjar Intern jirrapporta dwar ir-riżultati tal-ħidma tiegħu lill-Bord fis-Sessjoni Eżekuttiva tiegħu. Barra minn hekk, l-Awditjar Intern jirrapporta mill-inqas b'mod annwali lill-Bord fis-Sessjoni Eżekuttiva u Plenarja tiegħu dwar il-prestazzjoni tiegħu, il-konklużjonijiet prinċipali mill-awditi tiegħu u l-istatus tas-sejbiet tal-awditjar.

Fl-2020, l-Awditjar Intern iffoka fuq erba' awditi ta' assigurazzjoni:

- Tlestew awditi dwar il-proċessi li qed joperaw il-Fond[35] (SRF), il-ġestjoni tal-kuntratti u l-proċess ta' abbozzar tal-politika ta' riżoluzzjoni; u

[35] Proċessi li jirriżultaw mill-attivitajiet differenti tal-Fond u li jkopru t-timijiet tal-Investiment, il-Kontribuzzjonijiet u l-Finanzjament, il-Finanzi u l-Kontabilità.

- Verifika tal-operazzjonijiet tal-ICT: il-ġestjoni tal-bidla kienet fl-istadju finali ta' rappurtar fi tmiem is-sena.

Barra minn hekk, l-Awditjar Intern wettaq impenn ta' konsultazzjoni li jagħti pariri lill-maniġment tal-SRB dwar il-governanza u l-organizzazzjoni.

L-Awditjar Intern jimmonitorja l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mill-awditi ta' assigurazzjoni tiegħu sal-awditi ta' segwitu. Fl-2020, l-Awditjar Intern segwa awditi preċedenti dwar l-akkwist, il-ġestjoni tal-proġett R4Crisis, l-esternalizzazzjoni tal-investimenti tal-Fond, l-esternalizzazzjoni u l-użu tal-konsulenti, u l-ippjanar ta' riżoluzzjoni.

### STATUS TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-AWDITJAR INTERN

Fl-2020, l-Awditjar Intern ħareġ wieħed u għoxrin rakkomandazzjoni, li għalihom il-maniġment ħejja pjanijiet ta' azzjoni. Inklużi rakkomandazzjonijiet mill-awditi tas-snin preċedenti, tlieta u tletin rakkomandazzjoni, li tmienja minnhom kienu ta' prijorità għolja, baqgħu miftuħa fi tmiem is-sena

Ir-rakkomandazzjonijiet ta' prijorità għolja ddeskrivew il-ħtieġa għal titjib ulterjuri fl-oqsma tal-governanza, tal-ippjanar u tal-monitoraġġ, u fl-iżgurar tal-kwalità permezz ta' proċessi.

Mit-tmintax-il rakkomandazzjoni segwiti, ħamsa ngħalqu kompletament fl-2020.

## 5.4.6. Awditjar Estern

Kull sena, il-kontijiet annwali jiġu awditjati minn awditur estern indipendenti. Fl-2020, l-awditur estern ħareġ ir-rapport tal-awditjar mhux kwalifikat tiegħu dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali finali tal-SRB għall-2019.

Barra minn hekk, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) tirrapporta dwar il-kontijiet annwali tal-SRB kull sena finanzjarja, li tinkludi l-produzzjoni ta' dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti tal-SRB.

Fl-2020, il-QEA ppubblikat ir-rapport tal-awditjar tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-SRB għas-sena finanzjarja 2019([36]). L-unika qasam fejn stiednet lill-SRB biex itejjeb kienet dan li ġej:

- Skont l-Artikolu 8 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni fis-Sessjoni Plenarja tiegħu (SRB/SP/2015/9), is-sommarju tal-proċedimenti ta' kull laqgħa tas-Sessjoni Plenarja għandu jitħejja taħt ir-responsabbiltà tal-President u, wara li jiġi approvat, is-sommarju tal-proċedimenti għandu jiġi ffirmat mill-President. Il-QEA sabet li s-sommarju tal-proċedimenti tal-laqgħat tal-Bord fis-Sessjoni Plenarja tiegħu li saret fl-2018 u fl-2019 ma ġewx iffirmati. Madanakollu, sa mill-bidu tal-2020, l-SRB diġà biddel il-prattiki tiegħu dwar il-ħtieġa li l-minuti tas-Sessjoni Plenarja jkollhom il-firma tal-President.

Fl-2020, il-QEA ppubblikat ukoll rapport speċjali[37] dwar l-obbligazzjonijiet kontinġenti tal-2019 b'żewġ rakkomandazzjonijiet:

- Fid-dawl tas-sentenzi reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali u kwalunkwe żvilupp sussegwenti, l-SRB għandu jivvaluta mill-ġdid ir-riskju għall-proċedimenti pendenti kollha

[36] Rapport annwali dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2019 (https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/DocItem.aspx?did=54056).

[37] Rapport dwar kwalunkwe obbligazzjoni kontinġenti li tirriżulta mit-twettiq mill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni tal-kompiti tagħhom skont ir-Regolament għas-sena finanzjarja 2019 (https://www.eca.europa.eu/en/Pages/DocItem.aspx?did=%7b28E29E37-D534-4F2F-8A3D-2B97E0F7AA04%7d)

kontra d-deċiżjonijiet tiegħu dwar il-kontribuzzjonijiet *ex ante* lill-SRF u jivvaluta kwalunkwe proċedimenti ġudizzjarji ġodda.

- L-SRB għandu jqis il-kawżi legali kollha għall-kontijiet finali tiegħu biex jiżgura li dawn jipprovdu stampa vera u ġusta. Dan jinkludi kwalunkwe informazzjoni li tista' twassal għal ħruġ ta' riżorsi ekonomiċi, bħal proċedimenti nazzjonali kontra l-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet ta' skemi ta' riżoluzzjoni approvati.

## 5.4.7. Standards ta' kontroll intern

L-istandards ta' kontroll intern (ICSs) jispeċifikaw l-aspettattivi u r-rekwiżiti għall-bini ta' sistema effettiva ta' kontrolli interni li jipprovdu assigurazzjoni raġonevoli fuq il-kisba tal-objettivi tal-SRB. Dawn l-istandards ta' kontroll ġew żviluppati skont il-linji tal-ICSs tal-Kummissjoni, li huma bbażati fuq l-istandards tal-Kumitat Internazzjonali tal-Organizzazzjonijiet li Jisponsorjaw. L-istandards ikopru l-oqsma tal-missjoni u l-valuri, l-operazzjonijiet, ir-riżorsi u l-attivitajiet ta' kontroll, l-ippjanar, ir-rappurtar u l-komunikazzjoni, il-ġestjoni tar-riskju u l-evalwazzjoni u l-proċessi tal-awditjar. Kull standard jikkonsisti minn għadd ta' rekwiżiti li jridu jiġu ssodisfati.

Minħabba d-daqs tal-organizzazzjoni li jkun qed jikber b'mod stabbli, il-mira tkun fuq l-iżvilupp kontinwu tal-qafas.

- Fl-2020, l-SRB wettaq rieżamijiet f'kull kwart tas-sena sabiex jivverifika l-istatus ta' implimentazzjoni ta' kull ICS fl-SRB. Il-qafas ikopri 16-il ICS, li huma indispensabbli għad-definizzjoni tal-qafas ta' kontroll intern, it-trawwim ta' responsabbiltà ċara tat-tim ta' ġestjoni, u l-iżgurar tas-sorveljanza tas-sistema ta' kontroll intern mill-bord.
- L-SRB wettaq l-eżerċizzju ta' valutazzjoni tar-riskju tiegħu u kkonkluda f'reġistru tar-riskju li għalih ġew żviluppati pjanijiet ta' azzjoni u ġew immonitorjati mill-qrib.



# 6 Bord tal-Appell

F'konformità mal-Artikolu 85(1) tal-SRMR, fl-2015 l-SRB stabbilixxa Bord tal-Appell għall-fini li jiddeċiedi dwar l-appelli sottomessi kontra ċerti deċiżjonijiet maħruġa mill-SRB, pereżempju relatati mad-determinazzjoni tal-MREL, impedimenti għar-riżoluzzjoni, obbligi simplifikati għal xi istituzzjonijiet, deċiżjonijiet meħuda mill-Bord fid-dawl ta' talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti, u l-kontribuzzjonijiet mill-istituzzjonijiet għall-infiq amministrattiv tal-Bord. Il-Bord tal-Appell jikkonsisti minn ħames membri u żewġ supplenti, li l-mandati tagħhom huma kompletament indipendenti mill-Bord.

Il-Bord tal-Appell sar operattiv fl-1 ta' Jannar 2016 għall-ewwel mandat ta' 5 snin. Fis-Sessjoni Eżekuttiva tiegħu tas-16 ta' Settembru 2020, l-SRB iddeċieda li jestendi l-mandati tal-ħames membri tal-Bord tal-Appell. Min-naħa tiegħu, fid-9 ta' Novembru 2020, il-Bord tal-Appell iddeċieda favur l-elezzjoni mill-ġdid tal-President u tal-Viċi President attwali tiegħu fir-rwoli tagħhom. Iż-żewġ supplenti attwali nħatru mill-SRB fl-2019, wara sejħa pubblika għal espressjonijiet ta' interess.

Matul l-2020, il-Bord tal-Appell ittratta appelli kontra deċiżjonijiet konfermatorji maħruġa mill-Bord li jirrifjutaw l-iżvelar parzjali jew totali ta' dokumenti relatati ma' diversi suġġetti: riżoluzzjoni ta' Banco Popular, dokumenti ta' proċedura ta' akkwist, u dokumenti maħruġa fid-dawl tal-pandemija tal-coronavirus li laqtet lill-Ewropa fil-bidu ta' Marzu 2020.

Wara dawn l-appelli, il-Bord tal-Appell ħareġ id-deċiżjonijiet tiegħu, fejn jew jiċħad il-kawża jew iressaq id-deċiżjoni appellata quddiem il-Bord għal rieżami. Id-deċiżjonijiet kollha tal-Bord jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-SRB b'mod anonimizzat, filwaqt li tiġi protetta l-identità tal-partijiet u l-kunfidenzjalità ta' informazzjoni sensittiva.

Barra minn hekk, u fid-dawl tal-esperjenza prattika akkumulata mill-bidu tal-kompiti f'Jannar 2016, il-Bord tal-Appell iddeċieda li jirrevedi r-Regoli ta' Proċedura tiegħu matul l-2020 u d-dokument il-ġdid ġie adottat fil-bidu ta' Settembru 2020.

Il-Bord tal-Appell huwa appoġġjat fl-attività tiegħu minn Segretarjat, li jwettaq ukoll kompiti indipendenti bħala l-Uffiċċju tal-Protezzjoni tad-*Data* tal-SRB. Is-Segretarjat ikopri diversi aspetti, mill-ġestjoni tal-każijiet sal-appoġġ operattiv għall-membri.



# 7 | Dikjarazzjoni ta’ Assigurazzjoni

Jiena, is-sottoskritta, Elke König, President tal-Bord u Maniġer tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, fil-kapaċità tiegħi bħala uffiċjal awtorizzanti:

Niddikjara li l-informazzjoni inkluża f'dan ir-rapport tagħti stampa vera u ġusta[38].

Niddikjara li għandi assigurazzjoni raġonevoli li r-riżorsi assenjati għall-attivitajiet deskritti f'dan ir-rapport intużaw għall-iskop intiż tagħhom u b'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, u li l-proċeduri ta' kontroll fis-seħħ jagħtu l-garanziji meħtieġa f'dak li għandu x'jaqsam mal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti.

Nikkonferma li ma naf b'xejn li mhuwiex irrapportat hawnhekk li jista' jkun ta' dannu għall-interessi tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni.

Din l-assigurazzjoni raġonevoli hija bbażata fuq il-ġudizzju tiegħi stess u fuq l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tiegħi, bħar-riżultati tal-awtovalutazzjoni u l-verifiki tal-kontroll *ex-post* li saru matul is-sena.

Brussell, 18 ta' Ġunju 2021.

**Elke König**



Il-President tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni

[38] F'dan il-kuntest stampa ġusta tfisser stampa affidabbli, kompleta u korretta dwar is-sitwazzjoni fis-servizz.



# Annessi

# Anness 1: Organigramma[1]

## Organigramma tal-SRB

Single Resolution Board

### President



**Elke KÖNIG**

#### Direttorat tal-President

- Segretarjat tal-SRB
  - Uffiċċju ta' Kontroll Intern
- Strateġija, Relazzjonijiet Internazzjonali u Komunikazzjoni
- *Tim tal-Awditjar Intern*
- *Tim tal-Kontabbiltà*
- *Bord tal-Appell, Tim tal-Protezzjoni tad-Data u l-Konformità*

### Viċi President



**Jan Reinder DE CARPENTIER**

Direttur tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni, Servizzi Legali u Korporattivi

#### Direttorat E

- Investimenti tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni
- Riżorsi
  - HR
  - Finanzi u Akkwisti
- Servizzi Korporattivi u ICT
  - ICT
  - Faċilitajiet
- Kontribuzzjonijiet u Finanzjament
- Servizz Legali

### Membri tal-Bord



**Sebastiano LAVIOLA**

Direttur tal-Politika u l-Kooperazzjoni ta' Riżoluzzjoni

#### Direttorat A

- Politika ta' Riżoluzzjoni, Proċessi u Metodoloġija
- Kooperazzjoni mal-Partijiet Interessati
- Stabbiltà Finanzjarja u Analiżi Ekonomika
- *Tim Tattiku ta' Riżoluzzjoni*



**Jesús SAURINA SALAS**

Direttur tal-Ippjanar u d-Deċiżjonijiet tar-Riżoluzzjoni

#### Direttorat B

- L-Awstrija
  Il-Kroazja
  Il-Finlandja
- Ċipru
  Franza
  Il-Greċja
  BNP Paribas
  Groupe Crédit Agricole
  Société Générale

Spezzjonijiet Fuq il-Post Tim

- Il-Bulgarija
  Franza
  Il-Lussemburgu
  Is-Slovenja
  Groupe BPCE



**Boštjan JAZBEC**

Direttur tal-Ippjanar ta' Riżoluzzjoni u Deċiżjonijiet

#### Direttorat C

- L-Italja
  Is-Slovakkja
  Unicredit Group
- Il-Ġermanja
  Deutsche Bank
- L-Estonja il-Ġermanja il-Latvja il-Litwanja Malta il-Portugall
- *Uffiċċju tal-Ippjanar ta' Riżoluzzjoni*



**Pedro MACHADO**

Direttur tal-Ippjanar ta' Riżoluzzjoni u Deċiżjonijiet

#### Direttorat D

- Il-Belġju
  Spanja
  Santander
  CCPs
- Il-Belġju
  Il-Ġermanja
  L-Irlanda
  Il-Lussemburgu
  HSBC
- Spanja
  In-Netherlands
  ING Group

[1] Id-data limitu hija l-31 ta' Diċembru 2020. Innota li l-organigramma aġġornata wara r-riallokazzjoni tal-portafolli ġiet ippubblikata fuq is-sit web tal-SRB fis-16 ta' Marzu 2021: https://srb.europa.eu/sites/default/files/srb_organisation_chart_external_16_march_2021_final_final.pdf

# Anness 2: Rapport annwali dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti fl-2020

L-SRB irċieva 88 applikazzjoni inizjali u 14-il applikazzjoni konfermatorja li jikkonċernaw dokumenti tal-SRB. Il-parti l-kbira mit-talbiet kienu relatati mad-deċiżjoni tal-SRB rigward ir-riżoluzzjoni ta' Banco Popular Español, S.A. Barra minn hekk, għadd kbir ta' applikazzjonijiet kienu jikkonċernaw l-istess dokumenti.

Il-maġġoranza tal-kawżi kienu jikkonċernaw dokumenti li ma jeżistux jew li mhumiex fil-pussess tal-SRB. Għalhekk, l-SRB informa lill-applikanti kif meħtieġ. F'xi każijiet, l-SRB ta aċċess parzjali għad-dokumenti mitluba, meta jitqies li d-divulgazzjoni sħiħa kienet timmina l-interessi protetti skont l-Artikolu 4 tar-Regolament dwar it-Trasparenza.

L-SRB ibbaża d-deċiżjonijiet tiegħu fuq aċċess parzjali u/jew rifjuti fuq l-eċċezzjonijiet li ġejjin għad-divulgazzjoni ta' dokumenti previsti fir-Regolament dwar it-Trasparenza:

- Il-protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tal-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika tal-Unjoni jew ta' Stat Membru (l-Artikolu 4(1)(a)(ir-raba' inċiż) tar-Regolament dwar it-Trasparenza);
- Il-protezzjoni tal-interessi kummerċjali ta' persuna fiżika jew ġuridika, inkluża l-proprjetà intellettwali (l-Artikolu 4(2) (l-ewwel inċiż) tar-Regolament dwar it-Trasparenza);
- Il-protezzjoni tal-privatezza u tal-integrità tal-individwu (l-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament dwar it-Trasparenza);
- Il-protezzjoni tal-iskop tal-ispezzjonijiet, tal-investigazzjonijiet u tal-awditi (l-Artikolu 4(2) (it-tielet inċiż) tar-Regolament dwar it-Trasparenza); u
- Il-protezzjoni tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet (l-Artikolu 4(3) tar-Regolament dwar it-Trasparenza).

# Anness 3: Implimentazzjoni tal-Baġit tal-2020

## TITOLU I: INFIQ GĦALL-PERSUNAL

| Linja baġitarja | Deskrizzjoni tal-linja baġitarja | Ammont tat-tranżazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' impenn (1) | Ammont impenjat esegwit (2) | Impenjat % (2)/(1) | Ammont tat-tranżazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament (3) | Ammont ta' pagamenti esegwiti (4) | % Imħallas (4)/(3) | RAL riportati (C8) (2)-(4) | Ikkanċella l-ammont (1)-(2) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **A-1100** | Salarji bażiċi | 28 890 500 | 28 069 126.40 | 97.16 % | 28 890 500 | 28 069 126.40 | 97.16 % | 0 | 821 373.60 |
| **A-1101** | Benefiċċji tal-familja | 2 470 000 | 2 281 636.72 | 92.37 % | 2 470 000 | 2 281 636.72 | 92.37 % | 0 | 188 363.28 |
| **A-1102** | Benefiċċji ta' espatrijazzjoni u ta' residenza barranija | 3 700 000 | 3 627 012.53 | 98.03 % | 3 700 000 | 3 627 012.53 | 98.03 % | 0 | 72 987.47 |
| **A-110** | **Total:** | **35 060 500** | **33 977 775.65** | **96.91 %** | **35 060 500** | **33 977 775.65** | **96.91 %** | **0** | **1 082 724.35** |
| **A-1111** | Esperti nazzjonali sekondati | 1 640 000 | 1 090 822.71 | 66.51 % | 1 640 000 | 1 090 822.71 | 66.51 % | 0 | 549 177.29 |
| **A-1112** | Apprendisti | 147 000 | 117 194.88 | 79.72 % | 147 000 | 117 194.88 | 79.72 % | 0 | 29 805.12 |
| **A-111** | **Total:** | **1 787 000** | **1 208 017.59** | **67.60 %** | **1 787 000** | **1 208 017.59** | **67.60 %** | **0** | **578 982.41** |
| **A-1130** | Assigurazzjoni kontra l-mard | 1 650 000 | 959 836.69 | 58.17 % | 1 650 000 | 959 836.69 | 58.17 % | 0 | 690 163.31 |
| **A-1131** | Assigurazzjoni kontra l-aċċidenti u l-mard okkupazzjonali | 208 000 | 107 708.20 | 51.78 % | 208 000 | 107 708.20 | 51.78 % | 0 | 100 291.80 |
| **A-1132** | Assigurazzjoni kontra l-qgħad | 340 000 | 334 666.08 | 98.43 % | 340 000 | 334 666.08 | 98.43 % | 0 | 5 333.92 |
| **A-1133** | Kostituzzjoni jew manteniment tad-drittijiet tal-pensjoni | 5 430 000 | 5 250 971.24 | 96.70 % | 5 430 000 | 5 250 971.24 | 96.70 % | 0 | 179 028.76 |
| **A-113** | **Total:** | **7 628 000** | **6 653 182.21** | **87.22 %** | **7 628 000** | **6 653 182.21** | **87.22 %** | **0** | **974 817.79** |
| **A-1140** | Għotjiet għat-twelid u benefiċċji għall-mewt | 37 000 | 36 565.42 | 98.83 % | 37 000 | 36 565.42 | 98.83 % | 0 | 434.58 |
| **A-1141** | Spejjeż għall-ivvjaġġar għal liv annwali | 470 000 | 444 378.73 | 94.55 % | 470 000 | 444 378.73 | 94.55 % | 0 | 25 621.27 |
